PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0449/2013**

6.12.2013

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta’ Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Eduard Kukan

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW....................5

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ........................................................................54

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI .................................64

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS..............................................................................79

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI..........................102

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA ..............114

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI ................................................132

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI...................................150

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ..........................................................................................................................................165

PROĊEDURA ..............................................................................................................................180

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat**
**(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0839),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 209(1) u 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0492/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2012[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2012[2],

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill fl-ittra tal-4 ta' Diċembru 2013 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0449/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tal-Parlament mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 11, 15.1.2013, p. 77.
[2] ĠU C 391, 18.12.2012, p. 110

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW[*]

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta’**

**li jistabbilixxi l-Istrument Ewropew tal-Viċinat**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 209 (1) u 212 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja *[1]*,

---

[*] Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

[1] ĠU C, , p. .

[2] ĠU C, , p. .

*[1]* ***Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...***

Billi:

(1) Dan ir-Regolament ***għandu jistabbilixxi l-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI) bħala*** wieħed mill-istrumenti li jipprovdu appoġġ dirett għall-politika esterna tal-Unjoni Ewropea. Huwa ser jieħu post ir-Regolament ***(KE) Nru 1638/2006*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] ▌ li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

(2) L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi l-iżvilupp ta’ relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien, bil-għan li tiġi stabbilita żona ta’ prosperità u relazzjonijiet tajba fost il-ġirien, ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni.

▌

(4) Mit-tnedija tagħha 'l hawn, il-Politika Ewropea tal-Viċinat ▌ saħħet ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi sħab u ġabet benefiċċji tanġibbli kemm għall-Unjoni kif ukoll għal sħabha***, inkluża t-tnedija tal-inizjattivi reġjonali u l-appoġġ għad-demokratizzazzjoni fir-reġjun. Għadd ta' żviluppi ewlenin fil-Viċinat Ewropew taw bidu għal viżjoni riveduta tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) li ġiet stabbilita fl-2011 bħala riżultat ta' Reviżjoni Strateġika komprensiva. Din tipprevedi, fost l-oħrajn, appoġġ akbar għas-sħab impenjati li jibnu soċjetajiet demokratiċi u li jwettqu riformi f'konformità mal-prinċipji “aktar għal aktar” u “responsabbiltà reċiproka”, sħubija mas-soċjetajiet u approċċ aktar iddivrenzjat u mfassal apposta lejn il-pajjiżi sħab individwali. Dan ir-regolament jistabbilixxi rabtiet ċari bejn il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-appoġġ li għandu jkun previst taħt l-istrument stabbilit b'dan ir-Regolament.***

---

[1] ***Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006).***

(5) Taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi Ewropej tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li tibni fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq, u l-iżvilupp sostenibbli ***u inklużiv***. ***Hija [il-Politika Ewropea tal-Viċinat] tipprovdi wkoll, fejn adatt, qafas għat-tisħiħ tal-mobilità u l-kuntatti fost il-persuni, partikolarment permezz tal-faċilitazzjoni tal-viżi u l-ftehimiet ta' riammissjoni, u, skont il-każ, permezz tal-liberalizzazzjoni tal-viżi.***

(6) ***L-ENI jappoġġa l-implimentazzjoni ta'*** inizjattivi politiċi ***li*** jkunu ***kkontribwixxew għat-tfassil*** tal-***Politika*** ▌ Ewropea tal-Viċinat: is-Sħubija tal-Lvant bejn l-Unjoni u l-ġirien tal-Lvant tagħha, ***is-Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża*** u l-Unjoni għall-Mediterran ***fil-Viċinat*** tan-Nofsinhar. Dawn l-inizjattivi huma ***kollha strateġikament importanti u joffru*** oqfsa politiċi ta' importanza ***ugwali*** għall-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab u fosthom, ibbażati fuq prinċipji ta' ***responsabbiltà reċiproka,*** sjieda u responsabbiltà kondiviżi.

***(6a) L-objettivi ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu segwiti bl-involviment xieraq tal-imsieħba ta' azzjoni esterna, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali, fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni, minħabba l-importanza tar-rwoli tagħhom. L-ENI għandu jappoġġja wkoll it-tisħiħ tal-kapaċità ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiggarantixxu responsabbiltà domestika effettiva u sjieda lokali, u biex ikunu atturi sħaħ fil-proċessi ta' demokratizzazzjoni.***

***(6b) L-ENI jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali fil-viċinat kollu, fost l-oħrajn fil-qafas tal-politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana jew is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, kif ukoll, primarjament fil-każ tal-Kooperazzjoni Transkonfinali, l-aspetti esterni tal-istrateġiji makroreġjonali.***

***(6c) Dan ir-Regolament jirrikonoxxi l-istatus speċifiku tal-Federazzjoni Russa kemm bħala ġar tal-Unjoni kif ukoll bħala sieħeb strateġiku fir-reġjun.***

(8) L-appoġġ ***kemm*** taħt dan l-Istrument kif ukoll il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jiġi pprovdut għall-programmi ta’ Kooperazzjoni Transkonfinali ***bejn l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u l-pajjiżi sħab u/jew il-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra ("pajjiżi oħrajn li jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali")*** fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea ▌ għall-promozzjoni tal-iżvilupp reġjonali integrat u sostenibbli ***u l-kooperazzjoni*** bejn reġjuni ġirien li għandhom fruntieri komuni u integrazzjoni territorjali armonjuża fl-Unjoni kollha u mal-pajjiżi ġirien. ***Biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti tal-Kooperazzjoni Transkonfinali huwa importanti li l-proċeduri jiġu armonizzati mal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, fejn applikabbli.***

(9) Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi promossa u ffaċilitata kooperazzjoni għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u sħabha, ***u pajjiżi parteċipanti oħrajn,*** speċjalment permezz tal-***aħjar koordinazzjoni u l-koordinazzjoni l-aktar effettiva tar-riżorsi pprovduti u l-***ġbir ta’ kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b’mod partikolari ***għall-benefiċċju tal-***Kooperazzjoni Transkonfinali ***u proġetti ta' kooperazzjoni reġjonali***, proġetti infrastrutturali ta' interess għall-Unjoni ***li jinvolvu lill-pajjiżi ġirien,*** u oqsma oħrajn ta’ kooperazzjoni.

(10) ***L-unitajiet territorjali matul il-f***runtieri ▌ li jappartjenu lill-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-***unitajiet territorjali*** ▌ rilevanti ▌ fil-***benefiċjarji elenkati fl-Anness I għall-***Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni ***jistgħu wkoll*** jipparteċipaw fil-***Kooperazzjoni Transkonfinali***. Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea fil-programmi ta' ***Kooperazzjoni Transkonfinali*** għandha tibqa' bbażata fuq ir-riżorsi proprji tagħhom.

(11) Huwa mistenni li ▌ l-Istati Membri***, il-pajjiżi sħab*** u pajjiżi ***parteċipanti oħra*** li jieħdu sehem fil-***Kooperazzjoni*** Transkonfinali ▌ ***u fil-kooperazzjoni reġjonali*** jipprovdu ▌ kofinanzjament. Dan ser isaħħaħ is-sjieda mill-pajjiżi, iżid ir-riżorsi finanzjarji għad-dispożizzjoni tal-programmi u jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' ***partijiet interessati*** lokali.

▌

***(11a) Għall-fini tal-armonizzazzjoni tat-terminoloġija użata f'dan ir-Regolament ma' dik tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, id-dokumenti ta' implimentazzjoni għall-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali għandhom jissejħu programmi operazzjonali konġunti.*** ▌

(13) L-appoġġ li għandu jingħata lill-pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw fi ħdan il-qafas stabbilit permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għandu jkun koerenti mal-għanijiet u l-prinċipji tal-politiki esterni tal-Unjoni u b'mod partikolari l-iżvilupp tagħha ▌ ***u l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni. Għandha tiġi żgurata wkoll koerenza mad-dimensjonijiet esterni tal-politiki u l-istrumenti interni tal-Unjoni.***

***(13a) L-Unjoni għandha tfittex li tikseb l-aktar użu effiċjenti mir-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan għandu jinkiseb permezz ta' koerenza u komplementarjetà bejn l-Istrumenti għall-azzjoni esterna, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-ENI, Strumenti oħra għal azzjoni esterna u politiki oħra tal-Unjoni. Dan għandu jinvolvi wkoll it-tisħiħ reċiproku tal-programmi ppjanati taħt dawn l-Istrumenti.***

(14) L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika hi ta' rilevanza għar-relazzjonijiet mal-ġirien Mediterranji mill-Afrika ta' Fuq.

(15) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom itejbu l-koerenza***, l-effettività*** u ▌ l-komplementarjetà tal-politiki rispettivi tagħhom dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien. Sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri jikkumplementaw u jsaħħu lil xulxin, jixraq li tkun prevista programmazzjoni konġunta li għandha tkun implimentata kull meta jkun possibbli u rilevanti***, filwaqt li għandhom jiġu żgurati wkoll kooperazzjoni u koordinazzjoni xierqa ma' donaturi oħra li mhumiex tal-Unjoni***.

(16) L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu fil-prinċipju jiġi allinjat mal-strateġiji u l-miżuri nazzjonali ▌ jew lokali korrispondenti tal-pajjiżi sħab ***u, fejn rilevanti, ma' dawk tal-Federazzjoni Russa wkoll***.

(17) Fil-pajjiżi Ewropej tal-Viċinat fejn l-allinjament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni huwa wieħed mill-għanijiet ta' politika ewlenin, l-Unjoni hija fl-aħjar pożizzjoni biex twassal dan l-appoġġ. Ċertu appoġġ speċifiku jista' jingħata biss fil-livell tal-Unjoni. ***L-esperjenza tat-transizzjoni tal-Istati Membri tal-UE tista' tikkontribwixxi wkoll għas-suċċess tar-riformi fil-pajjiżi Ewropej tal-Viċinat u għall-promozzjoni ta' valuri universali fil-Viċinat Ewropew.***

(18) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ▌ ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri ***iżda*** jistgħu ***pjuttost***, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ***dwar l-Unjoni Ewropea***. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(19) ▌Il-Kummissjoni għandha▌tfittex li tikseb l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali effett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji.

(20) Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hi waħda mill-isfidi l-kbar li qed tiffaċċja l-Unjoni u hija meħtieġa azzjoni internazzjonali urġenti. F'konformità mal-intenzjoni ddikjarata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2011 dwar il-QFP li jiżdied il-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%, dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal dak il-għan.

*(**20a)*** ***Qafas stabbli għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien fil-qasam tal-enerġija u r-riżorsi, konsistenti mar-regoli tal-Unjoni dwar is-suq intern, jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-Unjoni f'dak il-qasam.***

(21) L-ugwaljanza bejn is-sessi***, id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u l-ġlieda kontra*** d-diskriminazzjoni ▌***u l-inugwaljanzi humagħanijiet*** trasversali fl-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament.

(22) ***F'relazzjonijiet ma' sħabha fid-dinja kollha, l-***Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ħidma deċenti***, il-ġustizzja soċjali,*** kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment***, inkluż l-eradikazzjoni tat-tħaddim tat-tfal,*** u l-ftehimiet ***ambjentali*** multilaterali ▌.

***(22a)*** ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-Programm, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' ... 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.***

(23) L-interessi finanzjarji tal-▌Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tal-infiq kollu, inkluż il-prevenzjoni, is-sejba u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod inkorrett u, fejn adatt, il-pieni. Dawn il-miżuri ***għandhom*** jitwettqu f'konformità mal-ftehimiet applikabbli konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.

▌

(25) Sabiex ▌***jiġi adattat l-appoġġ tal-Unjoni***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-▌ ***emendi*** għall-▌ ***kontenut tal-Anness II*** ▌ għal dan ir-Regolament. ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

(26) ▌ Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' .... (minn hawn 'il quddiem "ir-Regoli Komuni ta' Implimentazzjoni") li jistabbilixxu r-regoli u l-u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna.

(27) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat tal-implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni.

(28) Is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-Artikolu 7 ▌ (1), (2)***,*** u ***(3),*** mal-Artikolu 9(1) ***u mal-Artikolu 12(1)*** għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 [1].

***(28a) Il-proċedura ta' eżami għandha fil-prinċipju tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni,*** b'kont meħud tan-natura ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari n-natura tal-orjentazzjoni tal-politika tagħhom jew l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' miżuri fuq skala finanzjarja żgħira.

(29) L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ***(SEAE) huma stabbiliti*** fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE [2]

***(29a) Huwa adatt li t-tul ta' żmien ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat mar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.***

---

[1] ***Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).***

[2] ***Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).***

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# GĦANIJIET U PRINĊIPJI

Artikolu 1

Għan u ambitu ġenerali

1. ▌***Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI) bil-għan li jsir aktar progress lejn*** żona ta' prosperità ***kondiviża*** u ta' relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien li tinvolvi lill-▌Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament (minn issa 'l quddiem 'il-pajjiżi sħab') permezz tal-iżvilupp ta' relazzjoni speċjali ***bbażata fuq il-kooperazzjoni, il-paċi u s-sigurtà, ir-responsabbiltà reċiproka u l-impenn kondiviż lejn il-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***.

2. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jintuża għall-benefiċċju tal-pajjiżi sħab u ***r-reġjuni involuti fil-Kooperazzjoni Transkonfinali. Dan*** jista' jintuża wkoll għall-benefiċċju komuni ta***l-Unjoni*** u l-pajjiżi sħab.

3. Il-finanzjament tal-Unjoni jista’ jintuża wkoll bil-għan li jippermetti lill-Federazzjoni Russa tipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali u fil-***kooperazzjoni reġjonali bil-parteċipazzjoni tal-UE u fi*** programmi rilevanti għal diversi pajjiżi, ▌***inkluż fil-kooperazzjoni rigward l-edukazzjoni, b'mod partikolari l-iskambji tal-istudenti.***

***3a.*** ***L-Unjoni tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, l-universalità u l-indiviżibbiltà ta' u r-rispett għal, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-prinċipji ta' ugwaljanza u l-istat tad-dritt, li fuqhom ġiet ibbażata l-Unjoni, permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u f'konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali. Għaldaqstant, il-finanzjament skont dan ir-Regolament għandu jikkonforma ma' dawn il-valuri u l-prinċipji, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali, b'kont meħud tal-politiki u l-pożizzjonijiet rilevanti tal-UE.***

Artikolu 2

Għanijiet speċifiċi tal-appoġġ tal-Unjoni

1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu ***jiffoka fuq il-promozzjoni*** ta' kooperazzjoni politika mtejba***, demokrazija profonda u sostenibbli, integrazzjoni ekonomika progressiva u sħubija msaħħa mas-soċjetajiet*** bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab u, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt ***jew dokumenti ekwivalenti.***

2. L-appoġġ tal-Unjoni ***għandu*** jimmira b'mod partikolari:

(a) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza ***u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha***, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba***, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali fil-livelli kollha*** u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili ta' suċċess inklużi l-imsieħba soċjali***;***

(b) il-kisba ta' integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u ***kooperazzjoni*** settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġislattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti ***u aċċess aħjar għas-suq inkluż permezz ta' oqsma profondi u komprensivi ta' kummerċ ħieles***, il-bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, speċjalment fl-interkonnessjonijiet;

(c) il-ħolqien ta' kondizzjonijiet għal ***titjib fl-organizzazzjoni tal-migrazzjoni legali u l-promozzjoni ta'*** mobilità ġestita b'mod adatt ta' persuni***, għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet eżistenti jew futuri konklużi f'konformità mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, u għall-***promozzjoni ta' kuntatti fost il-persuni***, b'mod partikolari b'rabta ma' attivitajiet kulturali, edukattivi, professjonali u sportivi;***

(d) ***appoġġ*** għal żvilupp ***intelliġenti,*** sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha***;*** it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat ***u t-tnaqqis tal-esklużjoni soċjali; il-promozzjoni tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fix-xjenza, l-edukazzjoni u b'mod partikolari l-edukazzjoni għolja, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni***; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna***;*** l-iżvilupp rurali***; is-saħħa pubblika; il-protezzjoni ambjentali***, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri;

(e) il-promozzjoni ta' bini tal-fiduċja***, relazzjonijiet tajbin fost il-ġirien*** u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà ***fil-forom kollha*** u l-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tat-tilwim***, inklużi l-konflitti fit-tul***;

(f) it-titjib tal-kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-Viċinat kollu kif ukoll tal-Kooperazzjoni Transkonfinali.

3. Il-kisba ta’ ***dawn*** l-għanijiet ***speċifiċi*** għandha tiġi mkejla partikolarment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-***Unjoni*** dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) ***sa liema punt*** ġie applikat il-qafas regolatorju tal-***Unjoni*** mill-pajjiżi sħab, kif rilevanti; għall-paragrafi 2(c) u (f), in-numru ta’ ftehimiet u azzjonijiet ta’ kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi ser ***ikunu predefiniti, ċari, trasparenti u, fejn adatt, speċifiċi għall-pajjiżi u li jistgħu jitkejlu, u ser*** jinkludu, fost l-oħrajn, elezzjonijiet demokratiċi mmonitorjati adegwatament, ***rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ġudikatura indipendenti, kooperazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet marbutin mal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà,*** livell ta' korruzzjoni, flussi kummerċjali, ***ugwaljanza bejn is-sessi u*** indikaturi li jippermettu li jiġu mkejla d-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli ta' impjieg.

4. L-appoġġ tal-Unjoni jista’ jintuża wkoll f’oqsma ***rilevanti*** oħra meta dan ikun konsistenti

mal-għanijiet ġenerali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Artikolu 3

Qafas ta' politika

1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi sħab, Komunikazzjonijiet korrispondenti***, konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, u*** konklużjonijiet tal-Kunsill ▌ kif ukoll ***dikjarazzjonijiet*** rilevanti ***ta' summits jew*** konklużjonijiet ta' laqgħat ministerjali mal-pajjiżi sħab ***tal-Politika Ewropea tal-Viċinat inkluż fil-kuntest tas-Sħubija tal-Lvant u l-Unjoni għall-Mediterran, u wkoll riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew, għandhom, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' sjieda, għandhom*** jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali ▌ ***ta'*** dan ir-Regolament ***għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.***

2. ▌ Il-pjani ***ta' azzjoni*** jew dokumenti ekwivalenti oħra ***maqbula b'mod konġuntbħall-aġendi ta' assoċjazzjoni*** bejn il-pajjiżi sħab u l-Unjoni ***f'formati bilaterali u multilaterali, inkluż fejn rilevanti fis-Sħubija tal-Lvant u d-dimensjoni tan-Nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,*** għandhom jipprovdu l-punt ewlieni ta' referenza sabiex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni ***u għall-valutazzjoni tal-progress deskritta fl-Artikolu 2(3)***.

3. Fejn ma jkunx hemm ftehimiet, kif imsemmi fil-paragrafu 1, bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata meta jirriżulta li jkun utli sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni, u għandu jiġi pprogrammat abbażi ta' tali għanijiet b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-pajjiż ikkonċernat.

Artikolu 4

Divrenzjar, sħubija u kofinanzjament

1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut ***lil kull pajjiż sieħeb*** taħt l-***Artikolu 6(1) (a)*** ▌ għandu jkun ***ibbażat fuq inċentivi u*** differenzjat fil-forma u l-ammonti▌***, filwaqt li jqis l-elementi kollha elenkati hawn taħt, li jirriflettu l-elementi li ġejjin tal-pajjiż sieħeb:***

a) ***il-ħtiġijiet tal-pajjiż sieħeb, bl-użu ta' indikaturi bħall-popolazzjoni u l-livell ta' żvilupp;***

b) ***l-impenn lejn u l-progress fl-implimentazzjoni ta' għanijiet ta' riforma politika, ekonomika u soċjali maqbula b'mod konġunt;***

c) ***l-impenn tiegħu lejn il-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli u l-progress li jsir fih;***

d) ***is-sħubija mal-Unjoni, inkluż il-livell ta' ambizzjoni għal dik is-sħubija;***

e) ***il-kapaċità ta' assorbiment tiegħu u l-impatt potenzjali tal-appoġġ tal-UE.***

***Dan l-appoġġ ser jiġi rifless fid-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali speċifikati fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.***

***1a. Wara l-adozzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni speċifikati fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, u mingħajr preġudizzju għall-elementi l-oħra deskritti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, is-sehem ta' riżorsi disponibbli offruti lill-pajjiżi sħab għandu jiġi adattat primarjament skont il-progress li jagħmlu fil-bini u l-konsolidazzjoni ta' demokrazija profonda u sostenibbli u fl-implimentazzjoni ta' għanijiet ta' riforma politika, ekonomika u soċjali maqbula, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi.***

***Għall-programmi umbrella għal diversi pajjiżi, dak is-sehem għandu jkun iddeterminat skont il-progress magħmul mill-pajjiżi sħab fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, filwaqt li jitqies ukoll il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni ta' għanijiet ta' riforma maqbula li jikkontribwixxu għal dik il-mira.***

***Il-progress tal-pajjiżi sħab għandu jiġi vvalutat regolarment, partikolarment permezz ta' rapporti ta' progress tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li jinkludu x-xejriet meta mqabbla mas-snin preċedenti.***

***L-appoġġ jista' jiġi kkunsidrat mill-ġdid fil-każ ta' rigressjoni serja jew persistenti.***

***1b.*** ***Dan l-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi m'għandux japplika għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili, il-kuntatti bejn il-persuni, inkluż il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet lokali, l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, jew miżuri ta' appoġġ marbutin ma' kriżijiet. Fil-każ ta' rigressjoni serja jew persistenti, dan l-appoġġ jista' jiżdied.***

***1c.*** ***L-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi taħt dan ir-Regolament ser ikun is-suġġett ta' skambji regolari ta' fehmiet fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew.***

2. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Dik is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, ▌ ***lill***-partijiet interessati ***li ġejjin*** ▌ fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni***:***

***i) l-awtoritajiet nazzjonali u lokali;***

***(ii) l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;***

***inkluż permezz ta' konsultazzjoni u l-aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti li jippermettulhom li jkollhom rwol sinifikanti f'dak il-proċess***.

3. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, ikun kofinanzjat mill-***pajjiżi*** sħab ***u pajjiżi parteċipanti oħrajn*** permezz ta’ fondi pubbliċi, kontribuzzjonijiet mill-benefiċjarji jew sorsi oħrajn. ▌ Tista’ ssir deroga mir-rekwiżiti ta’ kofinanzjament f’każijiet debitament ġustifikati u meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi sostnut l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ta’ atturi mhux statali, ***speċjalment organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq skala żgħira,*** mingħajr preġudizzju għall-konformità ma’ kondizzjonijiet oħrajn stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 5

Koerenza u Koordinazzjoni tad-Donaturi

1. Fl-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, għandha tiġi żgurata koerenza mal-oqsma ***kollha*** tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif ukoll ma' politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-miżuri ffinanzjati skont dan ir-Regolament, inklużi dawk ġestiti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti tal-politika ta’ kooperazzjoni deskritti fl-Artikolu 3(1) u (2) kif ukoll fuq l-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji tal-Unjoni. Tali miżuri għandhom jirrispettaw l-impenji skont il-ftehimiet multilaterali u l-konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni u l-pajjiżi sħab jagħmlu parti minnhom.

2. L-***Unjoni***, l-Istati Membri u l-BEI għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut skont dan ir-Regolament u appoġġ ieħor ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u ***l-istituzzjonijiet finanzjarji*** ▌ Ewropej.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom bil-għan li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza rigward l-għoti tal-appoġġ u d-djalogu politiku ***u l-prevenzjoni tad-duplikazzjoni tal-finanzjament*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinament operazzjonali fil-qasam tal-appoġġ estern, u għall-armonizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri. Il-koordinament għandu jinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni rilevanti matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' appoġġ, b'mod partikolari fil-livell tal-qasam ikkonċernat***. Il-programmazzjoni konġunta għandha tiġi implimentata kull meta jkun possibbli u rilevanti. Meta dan ma jkunx jista' jinkiseb, għandhom jiġu kkunsidrati arranġamenti oħrajn, bħal kooperazzjoni ddelegata*** u/jew arranġamenti rigward it-trasferiment***, biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' koordinazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** [1] [*]***, u għandha tinkludi rakkomandazzjonijiet fil-każijiet, fejn il-programmazzjoni konġunta ma tkunx intlaħqet kompletament.***

---

1 ***Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna (ĠU L …).***

* ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test kif ukoll id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

4. Flimkien mal-Istati Membri, l-Unjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa***, inklużi konsultazzjonijiet fi stadju bikri tal-proċess ta' programmazzjoni,*** biex tiżgura ***komplementarjetà,*** koordinazzjoni u kooperazzjoni tajba ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, inkluż istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji, fondi u programmi tan-Nazzjonijiet Uniti, fondazzjonijiet privati u politiċi u donaturi mhux tal-Unjoni ▌.

***4a. Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(1) u (2) għandhom ukoll, sa fejn possibbli, jirreferu għall-attivitajiet ta' donaturi oħra tal-Unjoni.***

# TITOLU II

# PROGRAMMAZZJONI INDIKATTIVA

# U ALLOKAZZJONI TA' FONDI

Artikolu 6

Tip ta' programmi

1. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun ipprogrammat permezz ta':

   (a) programmi bilaterali li jkopru l-appoġġ għal pajjiż sieħeb wieħed;

   (b) programmi għal diversi pajjiżi li jindirizzaw sfidi komuni għall-pajjiżi sħab kollha jew għadd minnhom, ***abbażi tal-prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant u d-Dimensjoni tan-Nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u b'kont meħud tal-ħidma mwettqa fil-kuntest tal-Unjoni għall-Mediterran,*** u kooperazzjoni reġjonali u subreġjonali***,*** ***primarjament*** bejn żewġ pajjiżi sħab jew aktar, ***inkluż ukoll fil-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed. Din tista' tinvolvi*** l-Federazzjoni Russa ***f'konformità mal-Artikolu 1(3)***;

   (c) programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali li jindirizzaw il-kooperazzjoni bejn Stat Membru wieħed jew aktar minn naħa waħda u pajjiż sieħeb wieħed jew aktar u/jew il-Federazzjoni Russa ***("pajjiżi oħrajn li jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali")*** min-naħa l-oħra li jseħħu fil-parti kondiviża tagħhom tal-fruntiera esterna tal-***Unjoni*** ▌.

***Il-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni jinsabu fl-Anness II.***

2. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament ***(UE) Nru …/…***[*] ***u għall-programmi msemmija fl-Artikolu 6 (1)(c) ta' dan ir-Regolament f'konformità wkoll mar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-ENI***.

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

Artikolu 7

Programmazzjoni u allokazzjoni indikattiva ta' fondi għal programmi indikattivi għall-pajjiż jew għal għadd ta' pajjiżi

***-1a.*** ***L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-programmi għall-pajjiżi għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' kriterji li jinsabu fl-Artikoli 4(1).***

1. Għall-pajjiżi ***li għalihom*** jeżistu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2) ***ta' dan ir-Regolament***, ser ikun adottat Qafas ta’ Appoġġ Uniku pluriennali komprensiv f'konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) ***(UE) Nru …***[*. Il-Qafa]s ta' Appoġġ Uniku għandu

**(i)** jirrieżamina l-progress li jkun sar rigward il-qafas ta’ politika u ***l-kisba ta' objettivi maqbula minn qabel u jieħu kont tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiż sieħeb, inkluż il-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż sieħeb mal-Unjoni;***

***(ii) jistabbilixxi l-objettivi u*** ▌ l-prijoritajiet ***tal-appoġġ*** ▌, primarjament magħżula minn dawk inklużi fid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2) ***ta' dan ir-Regolament*** u fl-istrateġiji jew il-pjanijiet tal-pajjiżi sħab ***meta dan ikun konsistenti mal-qafas politiku ġenerali,*** u li għalihom il-valutazzjoni regolari tal-Unjoni tkun uriet il-ħtieġa għal appoġġ;

***(iii) jindika r-riżultati mistennija; u***

***(iv)*** ▌ jistabbilixxi ▌ ***l***-livell indikattiv ta' finanzjament ***imqassam skont il-prijorità***.

***L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal kull Qafas ta' Appoġġ Uniku ser jingħataw fil-forma ta' firxa ta' mhux aktar minn 20%.***

It-tul ta' żmien tal-Qafas ta’ Appoġġ Uniku għandu ***fil-prinċipju*** jikkorrispondi għat-tul taż-żmien tad-dokument rilevanti msemmi fl-Artikolu 3(2) ***ta' dan ir-Regolament***.

---

* ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

2. Għall-pajjiżi ***li għalihom*** ma jkunux jeżistu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2), ser jiġi adottat dokument komprensiv ta' programmazzjoni li jinkludi ***strateġija*** u programm indikattiv ***pluri***ennali f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ***(UE) Nru …*** [*]. Huwa għandu***:***

***(i)*** jiddefinixxi strateġija għar-rispons tal-Unjoni fuq il-bażi ***ta'*** analiżi ta***s***-sitwazzjoni tal-pajjiż ikkonċernat, ▌ tar-relazzjonijiet tiegħu mal-Unjoni, ***u ta***l-istrateġiji jew il-pjanijiet tal-***pajjiżi*** sħab ***meta dan ikun konsistenti mal-qafas globali tal-politika;***

***(ii) jistabbilixxi l-objettivi u*** ▌ l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni***;***

***(iii) jindika r-riżultati mistennija;*** u

***(iv) jistabbilixxi l***-livell indikattiv ta' finanzjament imqassam skont il-prijorità.

***L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi ta' akkumpanjament ser jingħataw fil-forma ta' firxa ta' mhux aktar minn 20%. Id-dokument ta' programmazzjoni*** għandu jkun ta' tul pluriennali adatt.

3. Għal programmi għal diversi pajjiżi, għandu jiġi adottat dokument komprensiv ta' programmazzjoni li jinkludi ***strateġija*** u programm indikattiv ***pluri***ennali f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ***(UE) Nru …*** [*]. Huwa għandu***:***

***(i)*** jiddefinixxi ***l-objettivi u*** ▌ l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni lejn ir-reġjun jew is-subreġjun***, filwaqt li jirrifletti fejn ikun applikabbli l-prijoritajiet deċiżi fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant jew tal-Unjoni għall-Mediterran;***

***(ii) jindika r-riżultati mistennija;*** u

***(iii) jistabbilixxi*** l-livell indikattiv ta' finanzjament imqassam skont il-prijorità.

Dan għandu jkun ta' tul pluriennali adatt.

***L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-programmi għal diversi pajjiżi għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi.***

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

4. Id-dokumenti tal-Qafas ta’ Appoġġ Uniku msemmija fil-paragrafu ***1 ta' dan l-Artikolu*** għandhom jiġu eżaminati fejn meħtieġ***, inkluż fid-dawl tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE u filwaqt li jittieħed kont tal-ħidma tal-korpi konġunti stabbiliti skont il-ftehimiet mal-pajjiżi sħab,*** u jistgħu jiġu riveduti f'konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ***(UE) No. …*** *. [Id-doku]menti ta' programmazzjoni msemmija fil-paragrafi ***2 u 3 ta' dan l-Artikolu*** għandhom ikunu eżaminati f’nofs il-perijodu tagħhom jew kull meta jkun meħtieġ u jistgħu jkunu riveduti f'konformità mal-istess proċedura.

***4a. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi msemmi fl-Artikolu 4(1a), ammont fil-firxa ta' 10% tal-baġit tal-ENI ser jiġi allokat lill-programmi umbrella għal diversi pajjiżi li ser jissupplimentaw l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-pajjiżi msemmijin fl-Artikolu 7(1) u (2). Id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni li jistabbilixxu dawn il-programmi umbrella ser jispeċifikaw il-pajjiżi li jistgħu jirċievu l-allokazzjonijiet, fejn l-allokazzjonijiet effettivi jiġu deċiżi sussegwentement abbażi tal-progress li jkun sar lejn demokrazija profonda u sostenibbli u l-implimentazzjoni ta' għanijiet ta' riforma maqbula li jikkontribwixxu għal dak il-għan.***

▌

6. Meta jkun meħtieġ li jiġu implimentati b'mod aktar effettiv miżuri għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-pajjiżi sħab, f’oqsma bħall-***kooperazzjoni*** transnazzjonali u l-interkonnessjonijiet, il-finanzjament skont dan ir-Regolament jista’ jingħabar flimkien mal-finanzjament kopert minn Regolamenti rilevanti oħra tal-Unjoni li jistabbilixxu strumenti finanzjarji. F’dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar liema sett uniku ta’ regoli ***għandu*** japplika għall-implimentazzjoni.

---

* ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

7. ***L-Istati Membri għandhom jiġu involuti fil-proċess ta' programmazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru ...*** [*]. Dawk l-Istati Membri u donaturi oħra li impenjaw ruħhom li jipprogrammaw b'mod konġunt l-appoġġ tagħhom mal-***Unjoni*** għandhom jiġu involuti ***partikolarment mill-qrib*** ▌**.** Id-dokumenti ta' programmazzjoni jistgħu jkopru wkoll il-kontribut tagħhom, kif adatt.

8. ***Fejn*** l-Istati Membri u donaturi oħra jkunu impenjaw ruħhom li jipprogrammaw l-appoġġ tagħhom b'mod konġunt, dokument ta' programmazzjoni pluriennali konġunt jista' jissostitwixxi l-Qafas ta' Appoġġ Uniku msemmi fil-paragrafu ***1*** u d-dokumenti ta' programmazzjoni msemmija fil-paragrafi ▌2 ***u 3***, bil-kondizzjoni li dan jissodisfa r-rekwiżiti li jinsabu f'dawn id-dispożizzjonijiet.

9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, tista' titwettaq analiżi *ad hoc* tad-dokumenti ta' programmazzjoni. Tali analiżi ta' emerġenza għandha tiżgura li tinżamm koerenza bejn il-***politiki tal-Unjoni,*** l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut skont dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Analiżi ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni riveduti. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti ta' programmazzjoni riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni ***mhux aktar tard minn*** xahar mill-adozzjoni tagħhom.

***10. Kwalunkwe programmazzjoni jew rieżami ta' programmi li ssir wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru ...*** [*] ***għandu jieħu kont tar-riżultati, is-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu.***

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

# TITOLU III
# KOOPERAZZJONI TRANSKONFINALI

Artikolu 8

Eliġibbiltà ġeografika

1. Il-programmi ta’ Kooperazzjoni Transkonfinali msemmija fl-Artikolu 6(1)(c) jistgħu jiġu stabbiliti:

(a) għall-fruntieri fuq l-art, li jkopru l-unitajiet territorjali li jikkorrispondu għal-livell 3 tal-***Klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS)*** jew ekwivalenti tul il-fruntieri fuq l-art bejn l-Istati Membri u ***l-pajjiżi l-oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali mingħajr preġudizzju għal aġġustamenti potenzjali meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità tal-azzjoni ta' kooperazzjoni, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(4)***;

(b) għall-fruntieri marittimi, li jkopru l-unitajiet territorjali li jikkorrispondu għal-livell 3 tan-NUTS jew ekwivalenti tul il-fruntieri marittimi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi ***l-oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** ▌, mifruda b’mhux iktar minn 150 km, mingħajr preġudizzju għal aġġustamenti potenzjali meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità tal-azzjoni ta’ kooperazzjoni;

(c) madwar baċir tal-baħar, li jkopri l-unitajiet territorjali kostali li jikkorrispondu għal-livell 2 tan-NUTS jew ekwivalenti li jħarsu lejn baċir tal-baħar komuni għall-Istati Membri u l-pajjiżi ***l-oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** ▌.

2. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-iskemi ta’ kooperazzjoni eżistenti u f’każijiet oħrajn iġġustifikati, ***u bil-ħsieb li jsir kontribut għall-għanijiet tal-programm,*** l-unitajiet territorjali li jmissu ma’ dawk imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitħallew jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali. ***Il-kondizzjonijiet li skonthom ir-reġjuni li jmissu jistgħu jipparteċipaw fil-kooperazzjoni ser jiġu stipulati fil-Programmi Operazzjonali Konġunti.***

3. F’każijiet debitament ġustifikati, ċentri maġġuri soċjali, ekonomiċi jew kulturali ***fl-Istati Membri jew f'pajjiżi oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** li ma jkunux imissu ma’ unitajiet territorjali eliġibbli jistgħu jiġu inklużi bil-kondizzjoni li tali parteċipazzjoni tikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti fid-dokument ta' programmazzjoni. ***Il-kondizzjonijiet li skonthom tali ċentri jistgħu jipparteċipaw fil-kooperazzjoni ser jiġu stipulati fil-Programmi Operazzjonali Konġunti.***

4. Meta jiġu stabbiliti programmi skont il-paragrafu 1(b), il-Kummissjoni tista’, bi qbil mal-***parteċipanti***, tipproponi li l-eliġibbiltà ġeografika tiġi estiża għall-unità territorjali kollha tal-livell 2 tan-NUTS li fiż-żona tagħha tkun tinstab l-unità territorjali tal-livell 3 tan-NUTS.

***4a. Il-Kooperazzjoni Transkonfinali għandu jkollha l-għan li tkun koerenti mal-għanijiet tal-istrateġiji makroreġjonali eżistenti u futuri.***

Artikolu 9

Programmazzjoni u allokazzjoni ta' fondi għall-Kooperazzjoni Transkonfinali

1. Għandu jitħejja dokument ta' programmazzjoni bil-għan li jiddefinixxi:

(a) l-għanijiet strateġiċi li għandhom jiġu segwiti permezz tal-Kooperazzjoni Transkonfinali***, u l-prijoritajiet u r-riżultati mistennija ta' dik il-kooperazzjoni***;

(b) il-lista tal-programmi operazzjonali konġunti li għandhom jiġu stabbiliti;

(c) it-tqassim indikattiv ta' riżorsi bejn il-programmi tal-fruntieri tal-art u dawk marittimi msemmija fl-Artikolu 8(1)(a) u (b) u l-programmi tal-baċir tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 8(1)(c);

(d) l-allokazzjonijiet pluriennali indikattivi għal kull programm operazzjonali konġunt;

(e) l-unitajiet territorjali eliġibbli biex jipparteċipaw f'kull waħda mill-programmi operazzjonali konġunti, u ***l-unitajiet reġjonali***u ċ-ċentri indikati fl-Artikolu 8(2), 8(3) u 8(4);

(f) l-allokazzjoni indikattiva b'appoġġ, kif adatt, għal azzjonijiet orizzontali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, in-netwerking u l-iskambju tal-esperjenzi fost il-programmi;

(g) il-kontribuzzjonijiet għall-programmi transkonfinali stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] [*], li fihom jipparteċipaw il-pajjiżi sħab u/jew il-Federazzjoni Russa.

Id-dokument ta' programmazzjoni għandu jkopri perijodu ta’ seba’ snin u għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ***(UE) No. …*** [**]. Dan għandu jiġi eżaminat f’nofs il-perijodu jew kull meta jkun meħtieġ u jista' jiġu rrivedut f'konformità mal-istess proċedura msemmija f’dak l-Artikolu ***ta' dak ir-Regolament***.

2. Il-programmi operazzjonali konġunti għandhom ikunu kkofinanzjati permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. L-ammont globali tal-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru...[***]. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-użu ta’ din il-kontribuzzjoni.

3. L-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni jista’ jikkofinanzja l-programmi operazzjonali konġunti li fihom jipparteċipaw ***il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I għal dak l-Istrument***. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-użu ta’ dan il-kofinanzjament.

4. L-allokazzjonijiet indikattivi tal-fondi għall-programmi operazzjonali konġunti għandhom ikunu bbażati ▌ fuq ***kriterji oġġettivi, b'mod partikolari*** il-popolazzjoni ***tal-unitajiet territorjali eliġibbli kif iddefiniti fl-Artikolu 8 (1) (a), (b) u (c)***. Meta jkunu ddeterminati l-allokazzjonijiet indikattivi, jistgħu jsiru aġġustamenti biex jirriflettu l-ħtieġa għal bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti taħt il-baġit ta’ dan l-Istrument kif ukoll fatturi oħra li jaffettwaw l-intensità tal-kooperazzjoni, bħall-karatteristiċi speċifiċi ta’ żoni fuq il-fruntiera u l-kapaċità tagħhom biex jamministraw u jassorbu l-appoġġ tal-Unjoni.

---

[1] ***Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali lill-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L ...).***

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test kif ukoll id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.***

[**] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

[***] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.***

Artikolu 10

Programmi operazzjonali konġunti

1. Il-Kooperazzjoni Transkonfinali għandha tkun implimentata permezz tal-programmi operazzjonali konġunti pluriennali li jkopru l-kooperazzjoni għal fruntiera jew grupp ta’ fruntieri u li jinkludu miżuri pluriennali li jsegwu sett konsistenti ta’ prijoritajiet u li jistgħu jiġu implimentati bl-appoġġ tal-Unjoni. Il-programmi operazzjonali konġunti għandhom ikunu bbażati fuq d-dokument ta' programmazzjoni imsemmi fl-Artikolu 9. Dawn għandhom jinkludu deskrizzjoni fil-qosor tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll li jkopru l-elementi msemmija fl-Artikolu 11(2) u ***l-Artikolu*** 12 (2).

2. Il-programmi operazzjonali konġunti għal fruntieri tal-art u dawk marittimi għandhom ikunu stabbiliti għal kull fruntiera fil-livell territorjali adatt u għandhom jinkludu unitajiet territorjali eliġibbli li jagħmlu parti minn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż wieħed jew aktar ***oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** ▌.

3. Il-programmi operazzjonali konġunti ***madwar*** il-baċiri tal-baħar għandhom ikunu multilaterali, stabbiliti fil-livell territorjali adatt u jinkludu unitajiet territorjali eliġibbli li jħarsu lejn baċir tal-baħar komuni li jagħmel parti minn diversi pajjiżi parteċipanti, inklużi mill-inqas Stat Membru wieħed u ***pajjiż wieħed ieħor li jipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali***. Dawn jistgħu jinkludu attivitajiet bilaterali li jappoġġaw il-koperazzjoni bejn Stat Membru wieħed u ***pajjiż wieħed ieħor li jipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali***.

4. Fi żmien sena mill-approvazzjoni tad-dokument ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 9, ***u wara l-adozzjoni tar-Regoli ta' implimentazzjoni għall-Kooperazzjoni Transkonfinali,*** il-pajjiżi parteċipanti għandhom jippreżentaw b’mod konġunt proposti għal programmi operazzjonali konġunti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull programm operazzjonali konġunt wara li tivvaluta l-konsistenza tiegħu ma’ dan ir-Regolament, mad-dokument ta' programmazzjoni u mar-regoli ta’ implimentazzjoni ***fl-iskadenza stabbilita fir-regoli ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-programmi operazzjonali konġunti lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tal-programmi.***

5. ***Ir-reġjuni*** ▌ f'pajjiżi minbarra ▌ l-Istati Membri ***jew pajjiżi oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali***, li jmissu ma' ***reġjuni*** ▌ eliġibbli kif iddefinit fl-Artikolu 8(1) (a) u (b) jew iħarsu lejn baċir tal-baħar komuni fejn ikun qiegħed jiġi stabbilit programm operazzjonali konġunt jistgħu jiġu koperti permezz ta' programm operazzjonali konġunt u jibbenefikaw minn appoġġ tal-Unjoni taħt il-kondizzjonijiet stipulati fid-dokument ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 9.

6. Il-Kummissjoni u l-pajjiżi parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex jiżguraw li ***l-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali, b'mod partikolari għall***-baċir tal-baħar ▌***,*** stabbiliti skont dan ir-Regolament u l-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru [….][*] **u li jko**llhom kopertura ġeografika li tikkoinċidi parzjalment ikunu totalment komplementari u jsaħħu lil xulxin.

7. Il-programmi operazzjonali konġunti jistgħu jiġu riveduti fuq l-inizjattiva tal-pajjiżi parteċipanti jew tal-Kummissjoni għal raġunijiet bħal:

***a)*** bidliet fil-prijoritajiet ta' kooperazzjoni, żviluppi soċjoekonomiċi,

***b)*** riżultati ta' implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati u dawk prodotti mill-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

***c)*** ħtieġa ta' aġġustament tal-ammonti tal-fondi disponibbli u r-riallokazzjoni tar-riżorsi.

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13***

8. ***Sa mhux iktar tard minn tmiem is-sena kalendarja wara s-sena*** tal-adozzjoni tal-programmi operazzjonali konġunti, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-pajjiżi ***l-oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** ▌. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet legali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali konġunt u jista' ▌jiġi ffirmat ***konġuntament*** minn pajjiżi parteċipanti oħrajn u mill-Awtorità ta' Ġestjoni msemmija fl-Artikolu 12(2)(c) ***jew mill-pajjiż li jospita l-Awtorità ta' Ġestjoni***.

Fejn meħtieġ, ***għandu jiġi konkluż ftehim (eż. fl-għamla ta'*** memorandum ta' qbil***)*** bejn il-pajjiżi parteċipanti u l-Awtorità ta' Ġestjoni biex jiġu stabbiliti ▌ ***r-responsabbiltajiet finanzjarji speċifiċi u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-programm tal-pajjiżi kkonċernati, inkluż il-kompiti u r-responsabbiltajiet ta' ġestjoni u ta' amministrazzjoni tagħhom***.

9. Programm operazzjonali konġunt li jkun jinvolvi aktar minn pajjiż wieħed ***ieħor li jipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** jiġi stabbilit jekk mill-inqas pajjiż ***ieħor li jipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** jiffirma l-ftehim ta' finanzjament. Pajjiżi oħrajn ***li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** koperti permezz ta' programm stabbilit jistgħu jissieħbu fil-programm fi kwalunkwe mument billi jiffirmaw il-ftehim ta' finanzjament.

10. Jekk pajjiż parteċipanti jimpenja ruħu li ▌jikkofinanzja programm, il-programm operazzjonali konġunt għandu jiċċara l-arranġamenti ***u s-salvagwardji meħtieġa*** għall-***awditjar,*** il-provvista, l-użu u l-monitoraġġ tal-kofinanzjament. Il-ftehim ta' finanzjament relatat għandu jiġi ffirmat mill-pajjiżi parteċipanti kollha ***u l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm jew mill-pajjiż li jospita l-Awtorità ta' Ġestjoni***.

11. Il-programmi operazzjonali konġunti jistgħu wkoll jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja minn u għal strumenti li magħhom jistgħu jiġu kkombinati għotjiet, soġġetti għar-regoli ta' dawn l-istrumenti, dment li dan jikkontribwixxi għall-kisba tal-prijoritajiet tal-programmi.

12. Filwaqt li jsegwu l-prinċipju tas-sħubija, il-pajjiżi parteċipanti ***u l-awtoritajiet lokali tagħhom, fejn applikabbli,*** għandhom jagħżlu b'mod konġunt azzjonijiet għall-appoġġ tal-Unjoni li jkunu konsistenti mal-prijoritajiet u l-miżuri tal-programm operazzjonali konġunt.

13. F'każijiet speċifiċi u debitament ġustifikati, fejn:

(a) programm operazzjonali konġunt ma jkunx jista' jiġi ppreżentat minħabba problemi li jirriżultaw minn relazzjonijiet bejn il-pajjiżi parteċipanti jew bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż ***ieħor li jipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali,; jew***

(b) sat-30 ta' Ġunju 2017, u mhux aktar tard, il-pajjiżi parteċipanti jkunu għadhom ma ppreżentawx lill-Kummissjoni programm operazzjonali konġunt***; jew***

(c) ebda wieħed mill-pajjiżi ***l-oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinalifil***-programm ma jkun iffirma l-ftehim ta' finanzjament rilevanti sa tmiem is-sena wara l-adozzjoni tal-programm***; jew***

***(ca) il-programm operazzjonali konġunt ma jistax jiġi implimentat minħabba problemi li jirriżultaw mir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi parteċipanti,*** il-Kummissjoni, wara konsultazzjonijiet mal-Istat jew Stati Membri konċernati, għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tippermetti li l-Istat jew l-Istati Membri kkonċernati jużaw il-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-programm operazzjonali konġunt skont l-Artikolu 4(7) u (8) tar-Regolament (UE) Nru .. [*]..

14. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet jew programmi ***tal-Kooperazzjoni Transkonfinali*** li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja jistgħu jitqassmu fuq diversi snin f'pagamenti annwali.

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.***

Artikolu 11

Ġestjoni tal-programmi operazzjonali konġunti

1. Il-programmi operazzjonali konġunti ***normalment*** għandhom ikunu implimentati b'ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. ***Madankollu, il-pajjiżi parteċipanti*** jistgħu ▌ jipproponu l-implimentazzjoni b'ġestjoni indiretta, minn entità elenkata fir-Regolament Finanzjarju u f'konformità mar-***regoli ta' implimentazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 12(2) ***ta' dan ir-Regolament***.

2. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa lilha nnifisha fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli li l-Istat Membru f'każ ta' ġestjoni kondiviża, jew il-pajjiż ***l-ieħor li jipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** jew l-organizzazzjoni internazzjonali fil-każ ta' ġestjoni indiretta, ikunu stabbilixxew u joperaw sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkunu konformi mar-Regolament Finanzjarju, ma' dan ir-Regolament, u mar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu msemmija fl-Artikolu 12(2) ***ta' dan ir-Regolament***.

L-Istati Membri, pajjiżi ***oħrajn li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati għandhom jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tagħhom, il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti u r-rispett għall-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja fis-sod. Huma għandhom ikunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-programmi.

Il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istat Membru jew il-pajjiż ***l-ieħor li jipparteċipa fil-Kooperazzjoni Transkonfinali*** jew l-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernati jeżamina l-ilment imressaq lill-Kummissjoni dwar l-għażla jew l-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati taħt dan it-Titolu jew il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

3. Sabiex jippermettu li l-programmi operazzjonali konġunti jippreparaw b'mod adatt għall-implimentazzjoni, l-infiq li jsir wara li l-programmi operazzjonali konġunti jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għandu jkun eliġibbli ▌ mill-1 ta' Jannar 2014.

4. Fejn l-eliġibbiltà tkun ristretta f'konformità mal-Artikolu 8(7) ▌ tar-Regolament ***(UE) No. …***[*], l-entità msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu***, li tista' tniedi sejħiet għal proposti u offerti, hija intitolata f'dan il-każ biex taċċetta bħala eliġibbli offerenti, applikanti u kandidati minn pajjiżi li mhumiex eliġibbli, jew oġġetti minn oriġini mhux eliġibbli, f'konformità mal-***Artikoli 8(2) u*** 9(3) tar-Regolament ***(UE) No. …***[*].

Artikolu 12

Regoli ta' implimentazzjoni għall-Kooperazzjoni Transkonfinali

1. Għandhom jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu ▌ f'konformità mal-***proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) No. …***[*].

2. Kwistjonijiet koperti mir-Regoli ta' Implimentazzjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet ***dettaljati, inter alia*** dwar:

(a) ir-rata u l-metodi ta' kofinanzjament;

(b) il-***kontenut,*** it-tħejjija, il-modifika u l-għeluq ta' programmi operazzjonali konġunti;

(c) ir-rwol u l-funzjonament tal-istrutturi tal-programm***, eż.*** il-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ, l-Awtorità ta' Ġestjoni u s-Segretarjat Tekniku Konġunt tagħha, ▌ inklużi kumitati permanenti tagħhom, l-identifikazzjoni effettiva, il-kontabbiltà u r-responsabbiltà, id-deskrizzjoni tas-Sistemi tal-Ġestjoni u l-Kontroll, u l-kondizzjonijiet dwar il-ġestjoni teknika u finanzjarja tal-appoġġ tal-Unjoni, inkluż l-eliġibbiltà tal-infiq;

(d) il-proċeduri ta' rkupru ***fil-pajjiżi parteċipanti kollha***; il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

(e) l-attivitajiet ta' viżibbiltà u informazzjoni

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

* *ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).*

(f) il-ġestjoni kondiviża u indiretta kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament ***(UE) No. …***[*].

## *TITOLU* IV
## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

▌***Delegazzjoni ta' setgħa lill-Kummissjoni***

▌

***Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex jiġi emendat l-Anness II. B'mod partikolari, wara l-pubblikazzjoni tar-rapport ta' rieżami ta' Nofs il-perijodu, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) No. …[*], u bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' nofs il-perijodu, il-Kummissjoni għandha tadotta att iddelegat li jemenda l-Anness II sal-31 ta' Marzu 2018.***

Artikolu 14

Eżerċizzju tad-delega

***-1a. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija konferita fuq il-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

1. Is-setgħa ***ta' adozzjoni ta' atti ddelegati*** msemmijin fl-Artikolu ▌13 għandha tiġi kkonferita ***lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020***.

2. Id-delega ta' setgħa ***msemmija fl-Artikolu 13*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ***ta' revoka*** għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ il-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

3. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u ***lill***-Kunsill.

4. Att iddelegat adottat ***skont l-Artikolu 13*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn*** min-notifika ta' ***dak*** l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'***xahrejn*** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 15

▌Kumitat

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 16

Parteċipazzjoni minn pajjiż terz ***mhux kopert mill-Artikolu 1***

1. F'ċirkostanzi debitament iġġustifikati u ***sabiex*** tiżgura l-koerenza u l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex trawwem il-kooperazzjoni reġjonali jew transreġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, ***skont il-każ***, li testendi l-eliġibbiltà ta' azzjonijiet ***speċifiċi f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru...***[*] lil pajjiżi, territorji u ▌ ***reġjuni*** li altrimenti ma jkunux eliġibbli għall-finanzjament. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament ***(UE) No. …***[*], persuni fiżiċi u dawk ġuridiċi minn pajjiżi, territorji u ▌ ***reġjuni*** kkonċernati jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri li jimplimentaw tali azzjonijiet.

2. Jistgħu jsiru dispożizzjonijiet għal din il-possibbiltà fid-dokumenti ta' programmazzjoni msemmija fl-Artikolu 7.

---

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).***

Artikolu 18

***Pakkett*** **finanzjarju**

1. Il-pakkett finanzjarju ***għall-implimentazzjoni ta'*** dan ir-Regolament ***għall***-perijodu mill-2014 sal-2020 ***huwa stabbilit għal*** EUR 15 432 634 000 ***fi*** prezzijiet attwali. Sa 5% tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat lill-programmi ta’ Kooperazzjoni Transkonfinali msemmija fl-Artikolu 6(1) (c).

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-***Parlament Ewropew u mill-Kunsill*** fil-limiti tal-qafas finanzjarju ***pluriennali***.

3. Kif imsemmi fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) No … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] [*], sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja, ammont indikattiv ta’ EUR 1 680 000 000 mill-istrumenti esterni differenti***, jiġifieri*** l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, ***ENI***, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni ***II u*** l-Istrument ta’ Sħubija , ser jiġu allokat għall-azzjonijiet ta’ mobbiltà fit-tagħlim lejn pajjiżi li mhumiex parti mill-UE jew mingħandhom u għad-djalogu ta’ kooperazzjoni u ta' politika ma’ awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) No …[**] ser japplikaw għall-użu ta’ dawk il-fondi.

   Il-finanzjament ikun disponibbli permezz ta' ***żewġ*** allokazzjonijiet pluriennali li jkopru biss l-ewwel ***erba'*** snin u t-***tliet*** snin li jkun fadal rispettivament. Dan il-finanzjament ser ikun rifless fil-programmazzjoni indikattiva pluriennali ta’ dawn l-istrumenti, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti f’każ ta’ ċirkostanzi imprevisti jew tibdiliet politiċi importanti konformi mal-prijoritajiet esterni ***tal-Unjoni***.

---

[1] ***Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ... jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, 1720/2006/KE u 1298/2008/KE (ĠU L ...).***

[*] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test kif ukoll id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 63/13.***

[**] ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 63/13.***

Artikolu 19

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) Nru 2010/427/UE, li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-***SEAE*** .

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ▌ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar ***2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

ANNESS I

Il-pajjiżi sħab imsemmija fl-Artikolu 1 ***huma:***

Alġerija

Armenja

Ażerbajġan

Bjelorussja

Eġittu

Ġeorġja

Iżrael

Ġordan

Libanu

Libja

Repubblika tal-Moldova

Marokk

Territorju Palestinjan Okkupat (TPO)

Sirja

Tuneżija

Ukraina

*ANNESS II*

*Prijoritajiet għall-Unjoni skont dan ir-Regolament*

***Biex jiġu appoġġati l-għanijiet speċifiċi previsti fl-Artikolu 2, filwaqt li jqis ukoll id-dokumenti maqbula b'mod konġunt kif jinsabu fl-Artikolu 3(2), il-finanzjament tal-Unjoni jista' jindirizza l-prijoritajiet li ġejjin.***

***Uħud mill-prijoritajiet jistgħu jkunu rilevanti għal aktar minn tip wieħed ta' programmi. Emendi possibbli għal din il-lista indikattiva ta' prijoritajiet għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' sjieda kondiviża.***

***Kwistjonijiet trasversali, inklużi d-demokrazija profonda u sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ambjent ser jiġu indirizzati f'dawn il-prijoritajiet differenti.***

***1. L-appoġġ tal-Unjoni fil-livell bilaterali għandu, fejn adatt, jindirizza fost l-oħrajn il-prijoritajiet li ġejjin:***

- ***id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, inklużi r-riforma tal-ġustizzja, tal-amministrazzjoni pubblika u tas-settur tas-sigurtà;***
- ***il-kooperazzjoni istituzzjonali u l-iżvilupp tal-kapaċità inklużi dawk għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-UE;***
- ***l-appoġġ għal atturi tas-soċjetà ċivili u għar-rwol tagħhom fil-proċessi ta' riformi u t-transizzjonijiet demokratiċi;***
- ***l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inkluživ, inkluż dak fil-livell reġjonali u lokali u l-koeżjoni territorjali;***
- ***l-iżvilupp għas-setturi soċjali b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, b'enfasi fuq il-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni u l-impjieg;***
- ***l-iżvilupp kummerċjali u tas-settur privat, inkluż l-appoġġ lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-impjieg u l-implimentazzjoni ta' żona ta' kummerċ ħieles*** approfondita u ***komprensiva;***
- ***l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, inkluża s-sigurtà tal-ikel;***
- ***l-amministrazzjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;***
- ***is-settur tal-enerġija b'enfasi fuq l-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli;***
- ***it-trasporti u l-infrastruttura;***
- ***l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, inklużi l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ vokazzjonali;***

- ***il-mobilità u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluża l-protezzjoni tal-migranti;***
- ***il-bini tal-kunfidenza u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti, inkluż l-appoġġ lill-popolazzjonijiet milqutin u r-rikostruzzjoni.***

***Dawk il-prijoritajiet jistgħu jikkontribwixxu għal aktar minn għan wieħed ta' dan ir-Regolament.***

***2. L-appoġġ tal-Unjoni fil-livell ta' diversi pajjiżi għandu, fejn adatt, jindirizza fost l-oħrajn il-prijoritajiet li ġejjin:***

- ***id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt;***
- ***il-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-żvilupp tal-kapaċità;***
- ***il-kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, l-Unjoni għall-Mediterran u s-Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża;***

- *l-edukazzjoni għolja u l-iżvilupp tal-ħiliet, il-mobilità tal-istudenti u tal-persunal, iż-żgħażagħ u l-kultura;*
- *l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, l-iżvilupp kummerċjali u tas-settur privat u l-appoġġ għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju;*
- *is-settur tal-enerġija, inklużi netwerks tal-enerġija;*
- *l-interkonnessjonijiet tat-trasport u l-infrastruttura;*
- *il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi l-ilma, it-tkabbir ekoloġiku, l-ambjent u l-adattazzjoni u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;*
- *l-appoġġ lis-soċjetà ċivili;*
- *il-ġestjoni tal-mobilità u l-migrazzjoni;*
- *il-bini ta' kunfidenza u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti.*

*Dawk il-prijoritajiet jistgħu jikkontribwixxu għal aktar minn għan wieħed ta' dan ir-Regolament.*

*3. L-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali għandu, fejn adatt, jindirizza l-prijoritajiet li ġejjin:*

- *L-iżvilupp ekonomiku u soċjali;*
- *L-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sikurezza u s-sigurtà;*
- *Il-mobilità tal-persuni, il-prodotti u l-kapital.*

*Dawk il-prijoritajiet jirriflettu sfidi komuni. Huma jikkostitwixxu l-qafas għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet speċifiċi mal-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ser jiġu involuti fl-iżvilupp tal-programmi u ser ikunu, flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-benefiċjarji prinċipali tagħhom.*

***<u>Allokazzjonijiet finanzjarji skont kull wieħed mit-tip ta' programmi</u>***

*Programmi bilaterali: sa 80%*
*Programmi għal diversi pajjiżi: sa 35%*
*Kooperazzjoni Transkonfinali: sa 5%*

## ANNEX TO THE LEGISLATIVE RESOLUTION

## STATEMENT BY THE EUROPEAN PARLIAMENT ON THE SUSPENSION OF ASSISTANCE GRANTED UNDER THE FINANCIAL INSTRUMENTS

The European Parliament notes that the Regulation establishing a financing instrument for development cooperation, the Regulation establishing a European Neighbourhood Instrument, the Regulation establishing a Partnership Instrument for cooperation with third countries and the Regulation on the Instrument for Pre-accession Assistance do not contain any explicit reference to the possibility of suspending assistance in cases where a beneficiary country fails to observe the basic principles enunciated in the respective instrument and notably the principles of democracy, rule of law and the respect for human rights.

The European Parliament considers that any suspension of assistance under these instruments would modify the overall financial scheme agreed under the ordinary legislative procedure. As a co-legislator and co-branch of the budgetary authority, the European Parliament is therefore entitled to fully exercise its prerogatives in that regard, if such a decision is to be taken.

## COMMISSION DECLARATION ON THE STRATEGIC DIALOGUE WITH THE EUROPEAN PARLIAMENT[1]

On the basis of Article 14 TEU, the Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament prior to the programming of the ENI and after initial consultation of its relevant beneficiaries, where appropriate. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with indicative allocations foreseen per country/region, and, within a country/region, priorities, possible results and indicative allocations foreseen per priority for geographic programmes, as well as the choice of assistance modalities*. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with thematic priorities, possible results, choice of assistance modalities*, and financial allocations for such priorities foreseen in thematic programmes. The Commission will take into account the position expressed by the European Parliament on the matter.

The Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament in preparing the Mid Term Review and before any substantial revision of the programming documents during the period of validity of this Regulation.

The Commission, if invited by the European Parliament, will explain where Parliament's observations have been taken into consideration in the programming documents and any other follow-up given to the strategic dialogue.

---

[1] The Commission will be represented at the responsible Commissioner level
*Where applicable

**COMMISSION DECLARATION CONCERNING THE USE OF IMPLEMENTING ACTS FOR THE SETTING OF THE SPECIFIC PROVISIONS FOR THE IMPLEMENTATION OF CERTAIN RULES IN THE EUROPEAN NEIGHBORHOOD INSTRUMENT AND THE INSTRUMENT FOR PRE-ACCESSION ASSISTANCE (IPA II)**

The Commission considers that the rules for implementing cross-border cooperation programmes as set out in Regulation (EU) No [XXX] of the European Parliament and of the Council (CIR) and other specific, more detailed implementing rules in Regulation (EU) No [XXX] of the European Parliament and of the Council on the Instrument for Pre-accession assistance (IPA II), *aim at supplementing the basic act and should therefore be delegated acts to be adopted on the basis of article 290 TFEU. The Commission will not stand against the adoption of the text as agreed by the co-legislators. Nevertheless, the Commission recalls that the question of delimitation between Articles 290 and 291 TFEU is currently under examination by the Court of justice in the "biocides" case.*

20.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nirj Deva

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi għall-iżvilupp ta' relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien, bil-għan li tkun stabbilita żona ta' prosperità u viċinanza tajba, bbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni. | (2) L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi għall-iżvilupp ta' relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien, bil-għan li tkun stabbilita żona ta' prosperità u viċinanza tajba, ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni***, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,*** u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Mindu tnediet il-Politika Ewropea tal-Viċinat u twaqqaf l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija seħħew numru ta' żviluppi ewlenin. Dawn jinkludu approfondiment tar-relazzjonijiet mas-sieħba, it-tnedija ta' inizjattivi reġjonali u proċessi ta' *transizzjoni* demokratika ***fir-reġjun***. Dan ġab viżjoni ġdida għall-Politika Ewropea tal-Viċinat viżjoni stabbilita fl-2011 bħala riżultat ta' Reviżjoni Strateġika tal-Politika komprensiva. ***Din*** tiddeskrivi l-objettivi ewlenin ***tal-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Viċinat u tipprovdi għal appoġġ akbar lill-imsieħba*** impenjati fil-bini ta' ***soċjetajiet demokratiċi u fit-twetiq ta' riformi***, f'konformità mal-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "responsabbiltà reċiproka". | (7) Mindu tnediet il-Politika Ewropea tal-Viċinat u twaqqaf l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija seħħew numru ta' żviluppi ewlenin. Dawn jinkludu approfondiment tar-relazzjonijiet mas-sħab, it-tnedija ta' inizjattivi reġjonali u proċessi ta' *tranżizzjoni* demokratika, ***fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u b'mod partikolari fil-pajjiżi tax-xtut tan-Nofsinhar tal-Mediterran wara l-avvenimenti tar-Rebbiegħa 2011***. Dan ġab viżjoni ġdida għall-Politika Ewropea tal-Viċinat viżjoni stabbilita fl-2011 bħala riżultat ta' Reviżjoni Strateġika tal-Politika komprensiva. ***Din il-politika*** tiddeskrivi l-objettivi ewlenin ***favur il-kooperazzjoni u l-appoġġ sostanzjali għas-sħab*** impenjati fil-bini ta' ***soċjetà aktar ekwa u demokratika li tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem***, f'konformità mal-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "responsabbiltà reċiproka". |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-ambitu ta' dan l-Istrument stabbilit b'dan ir-Regolament għandu jkun tali li jinkoraġġixxi approċċ transfruntiera u differenzjat sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni effikaċi u rapida tal-programmi fil-pajjiżi involuti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat, jinkoraġġixxi l-iżvilupp reġjonali u interreġjonali tal-proġetti u jippromwovi politika ta' kooperazzjoni deċentralizzata.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali efffett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. | (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ***, responsabilità domestika u trasparenza, speċjalment meta tkun qed tipprovdi appoġġ baġitarju lil pajjiżi terzi***. Tali efffett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Unjoni qed timmira li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba li tinvolvi l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem 'il-pajjiżi *msieħba*') billi tiżviluppa relazzjoni speċjali. | 1. L-Unjoni qed timmira li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba li tinvolvi l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem 'il-pajjiżi *sħab*') billi tiżviluppa relazzjoni speċjali***, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi sħab***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn jiġi ddikjarat b'mod ċar l-impenn tal-UE li jkollha rwol attiv fit-tnaqqis tal-faqar fil-viċinat tagħha. F'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-tnaqqis tal-faqar irid jissemma' bħala objettiv ġenerali tal-Istrument.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi *msieħba* u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. | 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika ***u soċjali*** mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi *sħab* u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza ***għad-diżastri***; | (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, ***il-ħolqien tal-għana,*** inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat, ***sħubija bejn il-pubbliku l-privat,*** il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika***, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom*** u r-reżiljenza ***għalihom***; |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba li fuqhom tissejjes l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Unjoni, permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi;*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) *isir appoġġ għall-ħolqien* tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti; | (e) *il-promozzjoni attiva tal-bini* tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni tal-kunflitti***, speċjalment il-kunflitti ffriżati, inkluż appoġġ f'sitwazzjonijiet ta' wara l-kriżi u matul il-proċess tal-bini ta' nazzjon***; |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-enerġija rinovabbli (enerġija mir-riħ, idroelettrika, solari u fotovoltajka) u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, biex b'hekk jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 fir-rigward tal-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet u netwerks tal-enerġija, bħall-implimentazzjoni effikaċi tal-Pjan Solari Mediterranju jew tal-Programm DESERTEC;*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. *Il-kisba* ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l- | 3. *L-ilħiq* ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l- |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi *msieħba* fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg. | implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi *sħab* fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet ***u proċessi*** demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, ***inklużi l-iżvilupp ta' partiti politiċi demokratiċi u l-garanzija tad-drittijiet politiċi tal-kandidati li joħorġu għall-elezzjonijiet,*** il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi *msieħba,* Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill ***u*** Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi *msieħba* għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. | 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi *sħab,* Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill**,** Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew**, *l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja, l-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja u l-Assemblea Parlamentari EURONEST,*** kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi *sħab* għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż *imsieħeb* għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż *imsieħeb* għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż *sieħeb* għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż *sieħeb* għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi***, dment li l-qsim tal-fondi bejn l-Unjoni għall-Mediterran u u s-Sħubija tal-Lvant ma jfixkilx l-ilħiq tal-objettivi ta' kull wieħed minn dawk iż-żewġ proġetti u ma jsirx b'tali mod li jiffavorixxi wieħed askapitu tal-ieħor***. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, *l-imsieħba* soċjali u atturi oħra mhux statali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni. | 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, *is-sħab* soċjali u atturi oħra mhux statali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni ***sabiex tiggarantixxi s-sjieda tagħhom tal-proċessi kkonċernati***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-koerenza għandha tiġi żgurata ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif ukoll politiki rilevanti oħra tal-Unjoni. Għal dan il-għan, miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, inklużi dawk ġestiti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti tal-politika ta' kooperazzjoni deskritti fl-Artikolu 3(1) u (2) kif ukoll fuq l-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji tal-Unjoni. Tali miżuri għandhom jirrispettaw l-impenji taħt il-ftehimiet multilaterali u l-konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni u l-pajjiżi *msieħba* jagħmlu parti minnhom. | 1. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-koerenza għandha tiġi żgurata ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif ukoll politiki rilevanti oħra tal-Unjoni***, kif minqux fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp***. Għal dan il-għan, miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, inklużi dawk ġestiti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti tal-politika ta' kooperazzjoni deskritti fl-Artikolu 3(1) u (2) kif ukoll fuq l-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji tal-Unjoni. Tali miżuri għandhom jirrispettaw l-impenji taħt il-ftehimiet multilaterali u l-konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni u l-pajjiżi *sħab* jagħmlu parti minnhom***, u l-obbligi rigward il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, kif minquxa fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u | 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. ***Bħala parti minn reviżjoni ta' emerġenza tali, jistgħu jiddaħħlu miżuri biex jiffinanzjaw attivitajiet bil-għan li jiffaċilitaw it-*** |

l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

***tranżizzjoni minn għajnuna tal-emerġenza għal attivitajiet tal-iżvilupp fit-tul, inklużi attivitajiet maħsuba biex iqawwu r-reżiljenza tal-benefiċjarji għall-kriżijiet.*** Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni***, bħalma huma l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) jew id-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija***. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

*Ġustifikazzjoni*

*Importanti li tinżamm il-possibilità, prevista wkoll fir-Regolament 1638/2006 tal-24 ta' Ottubru 2006, tar-rieżami tad-dokumenti ta' programmar bil-għan li jkunu introdotti miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni minn għajnuna ta' emerġenza għal żvilupp fuq perjodu twil.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014. | Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014 ***sal-31 ta' Diċembru 2020***. |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta’ Strument Ewropew ta’ Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Nirj Deva<br>25.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.5.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 25<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Thijs Berman, Michael Cashman, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Filip Kaczmarek, Michał Tomasz Kamiński, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Keith Taylor, Eleni Theocharous, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Gesine Meissner, Judith Sargentini, Patrizia Toia |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ioan Enciu, Gabriele Zimmer |

25.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta’ Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur għal opinjoni: María Auxiliadora Correa Zamora

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) għandha l-għan li tistabbilixxi żona ta’ prosperità u ta' ġirien tajba fil-fruntieri tal-UE. L-UE, fil-qafas tal-PEV, toffri lill-ġirien tagħha relazzjoni privileġġata, imsejsa fuq impenn reċiproku lejn valuri u prinċipji bħad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli. Din il-politika tipprevedi wkoll is-sħubija politika u integrazzjoni ekonomika aktar profonda, żieda fil-mobilità u kuntatti interpersonali mtejba.

Il-PEV ġiet żviluppata fl-2004 u tkopri 16-il pajjiż imsieħeb fil-Lvant u n-Nofsinhar tal-fruntieri tal-UE, jiġifieri l-Alġerija, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Marokk, it-Territorji Palestinjani Okkupati, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukraina. Il-PEV hija finanzjata permezz tal-Istrument Ewropew ta’ Viċinat u Sħubija (ENPI) li jinkludi s-16-il pajjiż koperti fil-PEV u r-Russja.

Il-bidla fir-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien tagħha u l-evoluzzjoni tal-qagħda tal-pajjiżi ġirien, b'mod speċjali fir-rigward tar-Rebbiegħa Għarbija, wasslu biex l-UE tirridefinixxi l-qafas politiku strateġiku tagħha għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien. Dan l-approċċ ġdid jipprevedi appoġġ akbar għall-imsieħba li ħadu l-impenn li jibnu soċjetajiet demokratiċi u li jwettqu riformi, skont il-prinċipji ta’ “aktar għal aktar” u ta’ “responsabbiltà reċiproka”.

L-Istrument Ewropew ta' Viċinat akkumpanja kif jixraq il-PEV, u bla dubju għandu jirrifletti r-realtajiet u l-istrutturi ġodda b’tali mod li jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-prinċipji mħaddna fil-Politika tal-Viċinat il-ġdida, bħall-prinċipju ta’ ‘aktar għal aktar’.

**Aktar għal Aktar**

Il-forma u l-ammont tal-għajnuna destinata għal kull pajjiż imsieħeb iridu tiġu determinati skont l-impenn u l-progress tal-pajjiż imsieħeb fil-proċessi ta' riformi demokratiċi, u fir-riformi strutturali li jiggarantixxu r-rispett u t-twettiq tal-prinċipji fundamentali ta' ekonomija tas-suq.

**Id-differenzjazzjoni**

Il-fondi użati mill-Istrument għandhom jiddifferenzjaw minn xulxin fil-forma u fl-ammonti tagħhom skont il-qagħda ekonomika u l-ħtiġijiet ta' kull wieħed mill-ġirien tagħna, flimkien mal-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress fl-implimentazzjoni tagħhom, skont il-prinċipju ta' "aktar għal aktar".

**Simplifikazzjoni u aktar effiċjenza**

Ir-Rapporteur tappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għal proċeduri aktar simplifikati u flessibbli. Se simplifica l-ambjent regolatorju, jitjieb –aċċess għall-għajnuna mingħand l-UE min-naħa tar-reġjuni, pajjiżi sħab, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, SMEs eċċ., jiħfief u jiqsar il-proċess ta' programmazzjoni, u jaċċellera l-adozzjoni tal-miżuri tal-implimentazzjoni u l-għoti tal-għajnuna tal-UE.

**L-objettivi speċifiċi tal-appoġġ tal-Unjoni**

L-ambitu ta' applikazzjoni tal-ENPI jirreferi għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kollaborazzjoni u kooperazzjoni, ftehimiet ta' assoċjazzjoni, ftehimiet ta' kummerċ ħieles approfonditi u komprensivi (DCFTA), u ftehimiet oħra relevanti, il-promozzjoni tal-governanza tajba u tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku ekwu.

Jeħtieġ tkun razzjonalizzata l-lista ta' ambiti tematiċi speċifiċi biex tirrifletti aħjar l-objettivi ewlenin u l-enfasi tal-PEV. F'dan is-sens, ir-Rapporteur taqbel mal-fokus tal-Kummissjoni, u tipproponi objettivi ewlenin għall-ħolqien ta' spazju ta' prosperità u ta' ġirien tajba mal-pajjiżi tal-fruntiera tal-UE.

Ir-Rapporteur tipproponi li l-Istrument Ewropew ta' Viċinat irawwem il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq, il-ftuħ tas-swieq tal-prodotti u s-servizzi, il-kooperazzjoni bejn l-impriżi, l-iżvilupp tas-settur privat, b'mod speċjali permezz tal-appoġġ lill-SMEs u lill-imprenditorjat, s-sigurtà ġuridika tal-investimenti taż-żewġ partijiet, l-impjeggabbiltà tal-ħaddiema, il-ġlieda kontra l-korrruzzjoni, il-frodi fiskali u l-ħasil tal-flus, l-interkonnessjonijiet tal-enerġija u tat-trasport, u t-tisħiħ tan-networks tal-ħarsien soċjali.

**Sospensjoni**

L-Unjoni għandha tkun koerenti u eżiġenti fl-approċċ tagħha lejn il-viċinat u l-impenji tagħha għall-ħolqien ta' żona ta' prosperità u demokrazija. Ir-Rapporteur tipproponi li n-nuqqas ta' konformità gravi u ripetut mal-leġiżlazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew il-ftehimiet kummerċjali mal-UE għandhom ikunu raġuni biżżejjed għas-sospensjoni totali jew parzjali tal-għajnuna tal-UE.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-Unjoni taħdem biex tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-prinċipji ta' ugwaljanza ***u*** l-istat tad-dritt li ġiet imwaqqfa fuqhom permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. | (3) L-Unjoni taħdem biex tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-prinċipji ta' ugwaljanza**,** l-istat tad-dritt ***u l-governanza tajba*** li ġiet imwaqqfa fuqhom permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) L-Artikolu 206 tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi, fl-interess komuni, għall-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji, għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-iskambji internazzjonali u l-investiment barrani dirett, kif ukoll għat-tnaqqis fl-ostakoli tad-dwana u oħrajn.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) *Taħt* il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li ***tibdi*** fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba ***u l-prinċipji tal-ekonomija*** tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli. | (5) *Skont* il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li ***tibni*** fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba***, il-prinċipji ta' ekonomija*** tas-suq ***soċjali li tiffunzjona tajjeb*** u l-iżvilupp sostenibbli***, li għandhom jiffaċilitaw il-proċessi tranżitorji kurrenti***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Bil-għan li jsir titjib tal-kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-viċinat kif ukoll tal-kooperazzjoni transkonfinali, għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq il-politika kummerċjali u l-opportunitajiet li din toffri biex tingħata spinta għall-iżvilupp tal-pajjiżi sħab.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Il-konklużjoni ta' ftehimiet dwar żoni ta' kummerċ ħieles approfonditi u komprensivi bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-Viċinat hija prijorità li għandha twassal għal ftuħ gradwali u bbilanċjat tas-swieq tal-prodotti u s-servizzi taż-żewġ partijiet,*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***tiżgura li jkun hemm il-mekkaniżmi xierqa għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-ksib ta' dak l-għan u tippromwovi l-adozzjoni ta' standards rigward is-saħħa tal-pjanti u l-ambjent ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni, kif ukoll standards minimi fil-qasam soċjali u f'dak tax-xogħol. F'dan ir-rigward, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat jista' jkun ukoll għodda utli fit-tħejjijiet għall-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet ladarba jiġu adottati.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) L-objettivi ewlenin tal-Politika tal-Viċinat tal-Unjoni jridu jinkludu l-ftuħ tas-swieq tal-kuntratti pubbliċi u l-iżgurar ta' sigurtà ġuridika għall-investimenti miż-żewġ naħat.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali *efffett* jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. | (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali *effett* jista' jiżdied ***permezz ta' użu aħjar tal-kapaċità ta' ingranaġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u*** billi jkun permess l-użu u l-użu |

mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji.

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) L-ugwaljanza bejn *is-sessi* u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***għandhom ikunu*** objettivi mifruxa fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament. | (21) L-ugwaljanza bejn *il-ġeneri* u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***jridu jkunu*** objettivi trasversali fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-Unjoni hija impenjata biex tippromwovi x-xogħol deċenti kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba madwar id-dinja. | (22) L-Unjoni hija impenjata biex tippromwovi x-xogħol deċenti ***u l-ġustizzja soċjali*** kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba madwar id-dinja***, kif ukoll il-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-frodi fiskali u l-ħasil tal-flus***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Unjoni qed timmira li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba li tinvolvi l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem 'il- | 1. L-Unjoni qed timmira li tistabbilixxi żona ta' prosperità***, ta' ġustizzja soċjali*** u ta' viċinanza tajba li tinvolvi l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament (minn |

pajjiżi msieħba') billi tiżviluppa relazzjoni speċjali.

hawn 'il quddiem 'il-pajjiżi sħab') billi tiżviluppa relazzjoni speċjali.

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. | 4. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni***, il-ftehimiet ta' kummerċ approfonditi u komprensivi*** jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali; | (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, ***il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq soċjali***, il-promozzjoni ta' governanza tajba***, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-frodi fiskali u l-ħasil tal-flus*** u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali; |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva ***fis-suq*** intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet; | (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva ***u ż-żieda tal-iskambji ekonomiċi mas-suq*** intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba***, b'mod partikolari permezz tal-ftuħ tas-swieq tal-prodotti u tas-servizzi,*** inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet ***tal-enerġija u tat-trasport***; |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jinħolqu ***l-kundizzjonijiet*** għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali; | (c) jinħolqu ***kundizzjonijiet*** għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb***, il-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili*** u ***l-persuni interessati mill-qasam soċjali u*** l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali***, kif ukoll il-kooperazzjoni tan-negozju filwaqt li jkun żgurat li r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti biex irawmu effett ta' influwenza li tqanqal l-integrazzjoni reġjonali u jikkontribwixxu għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti interni u tnaqqis fil-migrazzjoni***; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, ***inkluż permezz tal-iżvilupp*** tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; | (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar ***permezz tat-tisħiħ tan-netwerks tas-sigurtà soċjali, il-promozzjoni tax-xogħol diċenti u r-ratifikazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tax-xogħol, it-titjib tal-impjegabilità tal-ħaddiema u t-taħriġ u l-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi u*** tas-settur privat***, partikolarment billi jiġu appoġġjati l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u l-intraprenditorjat***; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jiġi żgurat li s-swieq tal-pajjiżi tal-Viċinat jinfetħu għall-kumpaniji Ewropej;*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e) jinħoloq qafas li jiffavorixxi l-investiment barrani dirett li jiggarantixxi s-sigurtà ġuridika tal-investiment taż-żewġ partijiet;*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju ***tal-UE*** mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl ***tad-differenzi*** ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg. | 6. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas ***regolatorju tal-Unjoni*** mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq***, il-pluraliżmu u l-konċentrazzjoni tal-midja***, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl ***tat-tendenzi fid-disparitajiet*** ekonomiċi ***u soċjali*** interni, inklużi l-livelli tal-impjieg. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir- | 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni***, il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles approfonditi u komprensivi*** u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l- |

Regolament. | implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament.

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandha tirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, ***l-osservanza tiegħu tal-prinċipji fundamentali tal-istat tad-dritt, ir-rispett lejhom u l-konformità magħhom, u ekonomija tas-suq soċjali,*** il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali ***u atturi oħra mhux statali*** fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni. | 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri ***u l-Bank Ewropew tal-Investiment***. | 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri, ***il-BEI u l-BERŻ***. |

**Emenda 23**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Unjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tieħu l-passi neċessarji biex tiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tajba ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, inkluż istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, ***istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali,*** aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, fondazzjonijiet privati u politiċi u donaturi mhux tal-Unjoni Ewropea. | 4. L-Unjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tieħu l-passi neċessarji biex tiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tajba ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, inkluż istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, fondazzjonijiet privati u politiċi u donaturi mhux tal-Unjoni Ewropea***, waqt li tirrispetta bi sħiħ is-sovranità u l-għażliet ekonomiċi ta' kull pajjiż***. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc | 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ***ta' ksur gravi u ripetut tal-leġiżlazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew*** |

tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

***tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE,*** jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, *fejn* pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, *meta* pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ***jew jikser b'mod gravi u ripetut ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew il-ftehimiet kummerċjali mal-UE,*** l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li |

jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | María Auxiliadora Correa Zamora<br>29.2.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 30.5.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 3<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, John Attard-Montalto, Maria Badia i Cutchet, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, Marielle de Sarnez, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Paul Murphy, Cristiana Muscardini, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Gianluca Susta, Iuliu Winkler, Paweł Zalewski |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Amelia Andersdotter, George Sabin Cutaş, Syed Kamall, Elisabeth Köstinger, Marietje Schaake, Konrad Szymański |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Françoise Castex, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg |

7.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jan Kozłowski

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan globali tal-politika tal-Viċinat tal-UE hija li testendi ż-żona ta' libertà, demokrazija u rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali fil-pajjiżi ġirien tagħha, kif stipulat fl-Artikolu 8 tat-TUE. Hija politika li tista' titqies bħala investiment fil-futur tal-UE u tkopri 16-il imsieħeb fil-Lvant u fin-Nofsinhar tal-fruntieri tal-UE.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Strument Ewropew ġdid ta' Viċinat se jkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi ġirien tal-UE li jappoġġaw kooperazzjoni politika aktar profonda, integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib mal-UE u tranżizzjoni effettiva u sostenibbli lejn id-demokrazija.

<u>L-elementi prinċipali tal-Proposta tal-Kummissjoni:</u>

1. L-Aġenda għas-simplifikazzjoni

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat fis-7 ta' Diċembru 2011. Il-proposta hija konformi mal-aġenda globali għas-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv fl-MFF li jmiss 2014 - 2020, billi tiffoka fuq l-elementi li ġejjin:

- aktar effiċjenza permezz tad-differenzjazzjoni tal-benefiċjarji u l-applikazzjoni tal-prinċipju "aktar għal aktar" - jiġu introdotti inċentivi finanzjarji għall-imsieħba l-aktar ambizzjużi;

- aktar flessibbiltà u aċċess aktar faċli għall-finanzjament għall-benefiċjarji, speċjalment permezz tal-użu tal-atti ddelegati u ta' implimentazzjoni;

- l-istandardizzazzjoni u t-tnaqqis tad-29 objettiv tematiku għal 6 objettivi speċifiċi;

- għodda waħda ta' programmar għall-pajjiżi fil-viċinat immedjat (Qafas ta' Appoġġ uniku);

- aktar armonizzazzjoni u simplifikazzjoni permezz tal-introduzzjoni tar-regolament ta' qafas orizzontali ġdid, li jiżgura l-koerenza tal-istrumenti esterni u l-użu sħiħ tas-sinerġiji, kif ukoll aktar ċertezza legali;

- aktar koordinazzjoni u konsistenza tal-għajnuna bejn l-UE u l-Istati Membri, u anke donaturi internazzjonali oħrajn;

- il-possibbiltà li jiġu trasferiti fondi mill-ENI u mill-Intestatura rilevanti tal-baġit tal-UE biex jiġu indirizzati sfidi transkonfinali;

- użu msaħħaħ tal-istrumenti finanzjarji biex wieħed jipprova juża bl-aktar mod effiċjenti r-riżorsi disponibbli - l-investiment mill-ġdid tal-fondi ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji, it-taħlit, eċċ.

- il-kofinanzjament ikun jista' jiġi rinunzjat f'każijiet ġustifikati kif xieraq, meta jkun neċessarju biex jiġu appoġġati s-soċjetà ċivili u l-atturi mhux statali.

2. Il-kontribuzzjoni għal Ewropa 2020 u għanijiet oħra tal-politika interna tal-UE

L-istrument ENI l-ġdid se jinkludi konnessjoni aktar b'saħħitha mal-politiki interni tal-UE, notevolment l-għanijiet ta' Ewropa 2020, it-tibdil fil-klima, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

3. L-implikazzjonijiet baġitarji

Il-proposta tal-Kummissjoni għal allokazzjoni globali għall-ENI turi żieda ta' 19 % fi prezzijiet kostanti tal-2011 (minn EUR 13.546 miljun fl-MFF attwali għal EUR 16.097 miljun fl-MFF futur).

Hemm dispożizzjoni għal allokazzjonijiet fil-qafas tal-programm futur "Erasmus għal Kulħadd" - il-finanzjament se jiġi mill-pakkett tal-istrument ENI u mill-istrumenti l-oħrajn li jibbenefikaw minn din id-dispożizzjoni. L-allokazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti f'każ ta' ċirkostanzi sinifikanti mhux previsti li jkunu jirrikjedu li dawn il-fondi jintużaw għal għanijiet oħra. Ir-Rapporteur jipproponi li dan l-ammont indikattiv jiġi sostitwit b'perċentwal tal-allokazzjonijiet finanzjarji tal-istrumenti parteċipanti.

In-nuqqasijiet tal-proposta

Ir-rapporteur jixtieq jiffoka din l-opinjoni fuq il-punti li ġejjin biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet eżistenti tal-proposta tal-Kummissjoni:

- biex tiġi żgurata l-indipendenza finanzjarja tagħhom u l-aħjar kundizzjonijiet sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħhom, il-ħolqien ta' kwalunkwe strumenti esterni ġodda m'għandux jinfluwenza b'mod ħażin il-finanzjament minn oħrajn eżistenti;

- l-integrazzjoni sħiħa tal-Awtorità Baġitarja fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-implimentazzjoni, fejn ikun hemm infiq mill-baġit tal-UE;
- iktar koordinament mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju;
- iktar enfasi fuq il-koordinament tal-għajnuna biex titnaqqas id-duplikazzjoni u tittejjeb il-konsistenza mal-miżuri tal-UE u tal-Istati Membri, iżda wkoll donaturi lokali, reġjonali u internazzjonali oħrajn;
- ir-rispett tal-ħtiġijiet u d-differenzi tal-imsieħba tal-Lvant u tan-Nofsinhar meta jiġu żburżati l-allokazzjonijiet baġitarji, filwaqt li jiġi żgurat ukoll livell suffiċjenti ta' flessibbiltà biex ikun hemm reazzjoni għal ċirkostanzi mhux previsti;
- il-prinċipju "aktar għal aktar" għandu jiġu applikat bl-użu ta' indikaturi trasparenti, oġġettivi u konkreti għall-prestazzjoni, biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi tal-UE;
- l-inklużjoni tal-kunċett tal-istrateġiji markoreġjonali mal-miżuri transkonfinali l-oħrajn, peress li dan jista' joħloq aktar effett ta' lieva u jiżgura użu aktar razzjonalizzat tar-riżorsi skarsi tal-Unjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u dan ma jistax ikun iffissat sakemm jintlaħaq qbil fuq il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Multiannwali għas-snin 2014-2020;*** |

**Emenda 2**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titolu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inkluživa"; itenni li huma meħtieġa riżorsi addizzjonali suffiċjenti fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-prijoritajiet politiċi eżistenti tagħha u twettaq il-kompiti ġodda u msaħħa previsti mit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija; jirrimarka li anke b'żieda ta' mill-inqas 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-MFF li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-ilħuq tal-objettivi u l-impenji miftehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni; jisfida lill-Kunsill, f'każ li ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet politiċi jew proġetti tiegħu jistgħu jiġu abbandunati*** |

***kompletament, minkejja l-garanzija ta' valur miżjud Ewropew tagħhom;***

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa -1 (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Dan ir-Regolament għandu jistipula, għall-perjodu kollu tal-istrument li jistabbilixxi, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija, skont it-tifsira tal-punt [...] tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-XX/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa -1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1a) It-titjib tal-implimentazzjoni u tal-kwalità tal-infiq għandu jkun prinċipju gwida għall-ilħuq tal-objettivi tal-istrument stabbilit b'dan ir-regolament, filwaqt li jiġi żgurat l-użu ottimali tar-riżorsi finanzjarji.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa -1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1b) Huwa importanti li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-istrument stabbilit b'dan ir-regolament kif ukoll l-*** |

***implimentazzjoni tiegħu bl-iktar mod effettiv u faċli sabiex jintuża, filwaqt li jiġu żgurati wkoll iċ-ċertezza legali u l-aċċessibbiltà tal-istrument għall-parteċipanti kollha.***

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem tqiegħdu fuq quddiem nett tar-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi msieħba, u għal dan il-għan qed jiġu stabbiliti strutturi ġodda, bħad-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) jew l-Istrument għall-Istabilità (IFS) biex tiġi appoġġjata s-soċjetà ċivili waqt li tkun rikonoxxuta komplimentarjetà reċiproka.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) L-appoġġ mogħti skont l-Istrument Ewropew ta' Viċinat lill-pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw u lil pajjiżi sħab għandu jkun separat mill-għajnuna provvista lil dawk il-pajjiżi taħt l-istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI). Għandu jkun hemm skedar separat għall-bosta strumenti finanzjarji previsti fil-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid (MFF) 2014-2020.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) L-Unjoni għandha tippromwovi politika industrijali sostenibbli u tipprovdi għarfien permezz tal-bini tal-kapaċitajiet fuq bosta livelli. Negozji ambjentalment responsabbli għandhom ikunu riflessi fl-għajnuna tal-Unjoni u f'għajnuna oħra relatata man-negozju min-naħa tad-donaturi.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Biex jintlaħqu l-objettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, għandu jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-dimensjonijiet tal-Lvant u tan-Nofsinhar, filwaqt li jinkiseb livell adegwat ta' flessibbiltà, b'approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni ċċentrat fuq l-impenji u l-progress fir-rigward ta' riformi fil-pajjiżi sħab b'kunsiderazzjoni għal sitwazzjoni storika fundamentali, finanzjarja u politika fil-viċinat Ewropew.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Il-benefiċjarji tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat għandhom ikunu involuti wkoll fl-ilħuq tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, u għandhom jirrispettaw il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat ta' dritt, l-universalità u l-*** |

***indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħarsien ambjentali, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-ġustizzja soċjali u l-intraprenditorjat. Għandha wkoll tingħata attenzjoni speċjali lil miżuri bl-għan li jitnaqqas il-faqar u tiġi promossa l-protezzjoni soċjali tal-iktar ċittadini vulnerabbli li jħabbtu wiċċhom mar-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali. Barra minn hekk, għandhom jingħataw appoġġ bil-ħsieb li tiġi żviluppata l-kapaċità istituzzjonali u ta' assorbiment meħtieġa biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża bl-aktar modi xierqa.***

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. L-appoġġ skont dan ir-Regolament għandu jirrifletti l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020, meta titqies il-ħtieġa ta' koerenza bejn il-politiki esterni u interni tal-Unjoni.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. | 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba u, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, ***id-dikjarazzjonijiet ta' samits multilaterali u parlamentari tad-dimensjonijiet tal-Lvant u tan-Nofsinhar*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,*** u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali; | (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli ***msaħħa fil-livell reġjonali u lokali***, il-promozzjoni ta' governanza tajba, ***il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kontribuzzjoni għall-bini tal-istituzzjonijiet u tal-kapaċitajiet b'iffokar partikolari fuq l-awtoritajiet reġjonali u lokali li għandhom jingħataw is-setgħa li jipprovdu servizzi bażiċi, l-appoġġ tad-deċentralizzazzjoni demokratika*** u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha b'tisħiħ tar-responsabilità, inklużi l-imsieħba soċjali; |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet; | (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati ***bi qbil mal-politika tal-industrija sostenibbli,*** notevolment fl-interkonnessjonijiet; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali; | (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali; ***tiġi faċilitata l-migrazzjoni legali u jitwaqqaf qafas għall-appoġġ ta' min ifittex l-asil u l-integrazzjoni mill-ġdid tar-refuġjati;*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; | (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar ***u l-ġustizzja soċjali***, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika***, l-effiċjenza tal-enerġija*** u r-reżiljenza għad-diżastri; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi msieħba u tal-protagonisti tas-soċjetà ċivili fl-ilħuq tal-għanijiet tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, inkluż l-iżvilupp ta' politiki biex jiġu megħjuna l-impriżi żgħar u ta' daqs medju.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Minbarra r-rapporti perjodiċi, għandu jkun hemm evalwazzjoni komprensiva ta' programmi tal-passat u li għadhom għaddejjin, flimkien ma' monitoraġġ ikbar tal-għajnuna sabiex jinkiseb feedback addizzjonali biex jiġi alternat id-diżinn tal-programmi u jsiru deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istrument Ewropew ta' Viċinat għandu jservi wkoll bħala strument għat-twaqqif jew it-tisħiħ ta' kapaċità istituzzjonali u amministrattiva suffiċjenti biex jiġi żgurat l-użu korrett tal-fondi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-ftehimiet ta’ sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif | 1. Il-ftehimiet ta’ sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif |

| | |
|---|---|
| ukoll il-konklużjonijiet ***rilevanti*** tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. | ukoll ***dokumenti rilevanti bħal dikjarazzjonijiet ta' samits jew*** konklużjonijiet tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba, ***notevolment fil-qafas tad-dimensjonijiet tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,*** għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi***, kif ukoll il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż imsieħeb ikkonċernat u l-impatt potenzjali tal-appoġġ tal-Unjoni, li għandhom jitkejlu bl-użu ta' indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni***. Tali differenzjazzjoni għandha tirrifletti ***wkoll*** il-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. ***Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini*** ta' demokrazija profonda u sostenibbli***, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi*** ta' riformi ***miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni***. | 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. ***Dan l-approċċ jimplika għalhekk li, mingħajr impenn ċar mill-pajjiż imsieħeb f'settur bl-għan tal-bini*** ta' demokrazija profonda u sostenibbli, ***għandu jiġi deċiż li bi trasparenza totali mal-istituzzjonijiet tal-UE kollha jitneħħa l-appoġġ tal-Unjoni f'dan il-qasam*** ta' riformi ***minflok iżżomm l-appoġġ għal proġett li ma jkunx konformi mal-ispirtu tal-objettivi l-ġodda tal-PEV***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Il-progress tar-riformi għandu jitkejjel bl-użu ta' indikaturi ċari, trasparenti u oġġettivi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv eċċessiv.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, l- | 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, l- |

imsieħba soċjali u atturi oħra mhux statali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni.

imsieħba soċjali u atturi oħra mhux statali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni. ***F'dan ir-rigward, għandhom jitwaqqfu kundizzjonijiet favorevoli għall-parteċipazzjoni ta' protagonisti mhux statali fil-programmi ta' appoġġ tal-Unjoni, sabiex jittejjeb l-involviment tagħhom f'dawn il-programmi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji ta' eliġibilità għall-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet reġjonali u lokali fil-programmi ta' finanzjament u tiżgura li ma jkun hemm l-ebda ostaklu amministrattiv għall-involviment tagħhom. Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' konsultazzjoni u ta' monitoraġġ sabiex l-atturi tas-soċjetà ċivili jkunu aktar involuti fil-proċess ta' governanza tajba ta' kull pajjiż sieħeb. Is-soċjetà ċivili għandha għalhekk titħeġġeġ b'mod permanenti biex tipparteċipa fil-programmi ta' finanzjament; din il-parteċipazzjoni għandha tiġi żgurata, inter alia, permezz tas-semplifikazzjoni tar-regoli dwar il-finanzjament. Meta jiġu stabbiliti sħubiji mal-benefiċjarji, l-Unjoni għandha tirrispetta kunċetti ta' deċentralizzazzjoni u demokrazija lokali, mobilizzazzjoni soċjali u bini ta' soċjetà ċivili responsabbli.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jkun kofinanzjat mill-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' fondi pubbliċi, kontribuzzjonijiet mill-benefiċjarji u sorsi oħra. L-istess prinċipju għandu jkun applikabbli għall-kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari fir- | 3. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jkun kofinanzjat mill-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' fondi pubbliċi, kontribuzzjonijiet mill-benefiċjarji u sorsi oħra. L-istess prinċipju għandu jkun applikabbli għall-kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari fir- |

| | |
|---|---|
| rigward tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6(1) (c). Tista' ssir deroga mir-rekwiżiti ta' kofinanzjament f'każijiet debitament ġustifikati u meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi sostnut l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ta' atturi mhux statali, mingħajr preġudizzju għall-konformità ma' kondizzjonijiet oħrajn stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. | rigward tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6(1) (c). Tista' ssir deroga mir-rekwiżiti ta' kofinanzjament f'każijiet debitament ġustifikati u meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi sostnut l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili***, ta' awtoritajiet lokali u reġjonali*** u ta' atturi mhux statali, mingħajr preġudizzju għall-konformità ma' kondizzjonijiet oħrajn stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. ***Barra minn hekk, finanzjament sħiħ għandu jkun permess meta l-Unjoni jkollha interess li tkun l-uniku donatur ta' azzjoni, li jippermetti l-impenn min-naħa tal-protagonisti lokali u reġjonali.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-appoġġ provdut mill-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu fejn ikun xieraq jinkludi finanzjament għad-dimensjoni esterna tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE, bħall-istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, l-istrateġija għar-Reġjun tad-Danubju u l-istrateġija għall-Inizjattiva Adrijatika-Jonika***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal- | 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament***, kif ukoll taħt strumenti finanzjarji oħra provduti fil-Qafas Finanzjarju*** |

| | |
|---|---|
| Investiment. | ***Multiannwali 20142020, bħall-istrument ta' finanzjament għall-iżvilupp għall-kooperazzjoni (DCI),*** u l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom bil-għan li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza rigward l-għoti tal-appoġġ u d-djalogu politiku skont il-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operattiva fil-qasam tal-appoġġ estern, u għall-armonizzazzjoni tal-politika u l-proċeduri. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni rilevanti matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' appoġġ, b'mod partikolari fil-livell tal-qasam ikkonċernat, u tista' twassal għal ipprogrammar konġunt, kooperazzjoni ddelegata u/jew arranġamenti ta' trasferiment. | 3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom bil-għan li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza rigward l-għoti tal-appoġġ u d-djalogu politiku ***u jipprevjenu d-duplikazzjoni tal-finanzjament*** skont il-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operattiva fil-qasam tal-appoġġ estern, u għall-armonizzazzjoni tal-politika u l-proċeduri. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni rilevanti matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' appoġġ, b'mod partikolari fil-livell tal-qasam ikkonċernat, u tista' twassal għal ipprogrammar konġunt, kooperazzjoni ddelegata u/jew arranġamenti ta' trasferiment. ***Il-koordinament għandu jinvolvi wkoll finanzjament minn strumenti interni u esterni differenti.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Unjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tieħu l-passi neċessarji biex tiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tajba ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, inkluż | 4. L-Unjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tieħu l-passi neċessarji biex tiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tajba ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, inkluż |

| | |
|---|---|
| istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, fondazzjonijiet privati u politiċi u donaturi mhux tal-Unjoni Ewropea. | istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, fondazzjonijiet privati u politiċi u donaturi mhux tal-Unjoni Ewropea. ***Għandu jitwaqqaf qafas komprensiv għal titjib tal-interazzjoni bejn il-PEV u strumenti oħra.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-implimentazzjoni koerenti tal-politiki ta' viċinat tiddependi fuq persunal tad-Delegazzjoni tal-UE kompetenti ħafna, li għalih għandhom jiġu żgurati miżuri edukattivi addizzjonali u ta' tqassim tal-għarfien fil-forma ta' segwiti, monitoraġġ, verifika u evalwazzjoni. Barra minn hekk, jeħtieġ li jingħata taħriġ u edukazzjoni lill-benefiċjarji lokali, reġjonali u nazzjonali meta jkunu se jintużaw l-istrumenti Twinning u Taiex.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali bejn entitajiet reġjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni u l-entitajiet reġjonali korrispondenti tal-pajjiżi msieħba.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għall-programmi multinazzjonali, se jiġi adottat dokument ta’ ipprogrammar komprensiv li jinkludi Strateġija u programm indikattiv Multiannwali skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Komuni. Dan għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni lejn ir-reġjun jew is-subreġjun u l-livell indikattiv tal-finanzjament imqassam skont il-prijorità. Dan għandu jkoll tul multiannwali xieraq. | 3. Għall-programmi multinazzjonali, se jiġi adottat dokument ta’ ipprogrammar komprensiv li jinkludi Strateġija u programm indikattiv Multiannwali skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Komuni. Dan għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni lejn ir-reġjun jew is-subreġjun, ***ibbażat, fejn applikabbli, fuq il-prijoritajiet inklużi fid-dokumenti multilaterali msemmija fl-Artikolu 3(2),*** u l-livell indikattiv tal-finanzjament imqassam skont il-prijorità. Dan għandu jkoll tul multiannwali xieraq. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-allokazzjonijiet finanzjarji għall-programmi ta’ pajjiż u dawk multinazzjonali għandhom ikunu ddeterminati billi jintużaw kriterji trasparenti u oġġettivi li jirriflettu l-prinċipju ta’ differenzjazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(1). | 5. L-allokazzjonijiet finanzjarji għall-programmi ta’ pajjiż u dawk multinazzjonali għandhom ikunu ddeterminati billi jintużaw kriterji trasparenti u oġġettivi***, stabbiliti u vvalutati b'mod ċar, u*** li jirriflettu l-prinċipju ta’ differenzjazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(1). |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Biex jiġi massimizzat il-valur miżjud*** |

***tal-UE, għandha tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tar-riżorsi u r-rwol ta' korpi finanzjarji bħall-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għandu jissaħħaħ***.

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri u d-donaturi l-oħra li jkunu impenjati biex jipprogrammaw b'mod konġunt l-appoġġ tagħhom mal-UE għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-ipprogrammar. Id-dokumenti tal-ipprogrammar jistgħu jkopru wkoll il-kontribut tagħhom kif xieraq. | 7. L-Istati Membri u d-donaturi l-oħra li jkunu impenjati biex jipprogrammaw b'mod konġunt l-appoġġ tagħhom mal-UE għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-ipprogrammar. Id-dokumenti tal-ipprogrammar jistgħu jkopru wkoll il-kontribut tagħhom kif xieraq. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu infurmati kif xieraq fl-istadji kollha tal-proċess ta' programmar, speċjalment meta jkun involut l-infiq baġitarju tal-Unjoni.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. | 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Rieżami ta' emerġenza jista' jwassal għall-adozzjoni ta' dokumenti tal-ipprogrammar riveduti ***li*** |

| | |
|---|---|
| Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom. | ***jiffaċilitaw l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tad-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija***. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati u sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex titrawwem kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali, ***il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi*** l-eliġibbiltà ta' azzjonijiet għall-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li kieku ma kinux ikunu eliġibbli għall-finanzjament. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni, persuni fiżiċi u legali minn pajjiżi, territorji u reġjuni kkonċernati jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri li jimplimentaw tali azzjonijiet. | 1. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati u sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex titrawwem kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali, ***jista' jiġi deċiż li tiġi estiża*** l-eliġibbiltà ta' azzjonijiet għall-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li kieku ma kinux ikunu eliġibbli għall-finanzjament. ***Id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat f'konformità mal-Artikolu 14.*** Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni, persuni fiżiċi u legali minn pajjiżi, territorji u reġjuni kkonċernati jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri li jimplimentaw tali azzjonijiet. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni |

| | |
|---|---|
| ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. ***Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat b'kollox u immedjatament bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd", sabiex tkun promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni ogħla, ammont indikattiv ***ta' EUR 1 812 100 000 mill-istrumenti esterni differenti*** (l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument ta' Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), ser ikunu allokati għall-azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim lil jew minn pajjiżi mhux tal-UE u għad-djalogu ta' kooperazzjoni u politika ma' awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus | 3. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd", sabiex tkun promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni ogħla, ammont indikattiv ***li jikkorrispondi għal 2 % tal-allokazzjonijiet finanzjarji disponibbli għall-istrumenti parteċipanti*** (l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument ta' Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), se jkun allokat għall-azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim lil jew minn pajjiżi mhux tal-UE u għall-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma' awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus |

għal kulħadd" se japplikaw għall-użu ta' dawk il-fondi.

għal kulħadd" se japplikaw għall-użu ta' dawk il-fondi.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Jan Kozłowski<br>29.2.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 31.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 6<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Jacek Włosowicz |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Alexander Alvaro, Frédéric Daerden, Charles Goerens, Edit Herczog, Jürgen Klute, María Muñiz De Urquiza, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Peter Šťastný, Gianluca Susta |

1.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta’ Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur għal opinjoni: : Sylvana Rapti

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Peress li hemm interess kondiviż f'żona demokratika, stabbli, prosperuża u paċifika usa’ madwar l-Ewropa, il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) hija essenzjali għall-istabilità tal-pajjiżi ġirien tal-UE u tikkontribwixxi għas-sigurtà u l-progress ta’ kulħadd. L-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) bħala l-mezz biex tiġi implimentata l-politika tal-UE fir-rigward tal-ġirien tagħha għandu jibni fuq valuri fundamentali bħalma huma d-demokrazija u l-istat tad-dritt iżda fl-istess ħin għandu jipprovdi l-mezzi biex jiġu realizzati ċerti għanijiet speċifiċi bħall-ħolqien tal-impjiegi u l-iżgurar tal-protezzjoni soċjali li fil-futur iwasslu għall-għoti ta' setgħa u t-tkabbir inklussiv għal dawn il-pajjiżi. L-UE, magħrufa globalment għall-mudell soċjali tagħha, għandha kompetenza unika x'taqsam u x’toffri.

L-ENI għandu jiġi mmudellat mill-ġdid u għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet - b’mod iktar effettiv mill-istrument preċedenti - għall-allokazzjoni tal-fondi tiegħu sabiex jindirizza b’mod adegwat u flessibbli l-iżviluppi u l-isfidi storiċi fil-pajjiżi sħab. Jekk għandhom jiġu applikati l-prinċipji ta’ kondizzjonalità u "aktar għal aktar", għandhom jiġu prijoritizzati l-progress fir-rigward tal-kwistjonijiet soċjali li jirriflettu d-dinjità u l-progress sostanzjali tas-soċjetajiet.

Konsegwentement, qed jiġu proposti għadd ta’ emendi għal dan ir-Regolament li jistabbilixxu miri soċjali bħala prerekwiżiti għall-għajnuna finanzjarja sabiex jiġu riflessi l-ispirtu u t-test tat-Trattat ta’ Lisbona u speċjalment il-klawżola soċjali famuża tiegħu (Artikolu 9 tat-TFUE, li jiddikjara li "Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem").

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-Unjoni taħdem biex tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-prinċipji ta' ugwaljanza u l-istat tad-dritt li ġiet imwaqqfa fuqhom permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. | (3) L-Unjoni taħdem biex tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-prinċipji ta' ugwaljanza***, id-drittijiet soċjali fundamentali b'attenzjoni speċjali fir-rigward tad-drittijiet tal-gruppi vulnerabbli*** u l-istat tad-dritt li ġiet imwaqqfa fuqhom permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Mit-tnedija tagħha, il-Politika Ewropea tal-Viċinat ġabet tisħiħ sinifikanti għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi msieħba u benefiċċji tanġibbli kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-imsieħba tagħha. | (4) Mit-tnedija tagħha, il-Politika Ewropea tal-Viċinat ġabet tisħiħ sinifikanti għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi msieħba u benefiċċji tanġibbli kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-imsieħba tagħha. ***Fl-istess ħin, b'kunsiderazzjoni għall-kriżi soċjali u politika tal-2011 li fiha kienet involuta l-Afrika ta' Fuq u li ħafna mill-pajjiżi kkonċernati għadhom affettwati mill-istat instabbli li rriżulta minnha, azzjoni skont il-politika tal-viċinat, b'mod notevoli fir-rigward tal-objettivi tagħha għall-iżvilupp tad-demokrazija, għandha tiżdied fl-intensità tagħha.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li tibdi fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli. | (5) Taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li tibni fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba***, l-impjieg, l-iżvilupp tal-kapital uman, il-protezzjoni soċjali*** u l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli ***b'attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tas-soċjetà ċivili***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Barra minn hekk, huwa importanti li l-kooperazzjoni tkun inkoraġġita u ffaċilitata għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-imsieħba tagħha, notevolment permezz tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-proġetti tal-infrastruttura ta' interess għall-Unjoni li se jgħaddu minn pajjiżi tal-Viċinat u l-oqsma oħra ta' kooperazzjoni. | (9) Barra minn hekk, huwa importanti li l-kooperazzjoni tkun inkoraġġita u ffaċilitata***, inter alia permezz tal-appoġġ tal-aġenziji tal-Unjoni,*** għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-imsieħba tagħha, notevolment permezz ***tal-aqwa u l-iktar koordinazzjoni effettiva tar-riżorsi pprovduti u permezz*** tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-proġetti tal-infrastruttura ta' interess għall-Unjoni li se jgħaddu minn pajjiżi tal-Viċinat***, il-mekkaniżmi li jippromwovu u jimmonitorjw l-impjieg*** u l-oqsma oħra ta' kooperazzjoni. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali efffett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. | (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti ***u trasparenti*** tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali efffett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. ***Għandha wkoll tiddefinixxi b'mod ċar il-prijoritajiet tal-Politika Ewropea tal-Viċnat, u b'hekk tistipula l-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kisbiet.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) L-ugwaljanza bejn is-sessi ***u*** l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu objettivi mifruxa fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament. | (21) L-ugwaljanza bejn is-sessi***, il-ġlieda*** kontra d-diskriminazzjoni***, il-ġustizzja soċjali u d-drittieji tal-ħaddiema*** għandhom ikunu objettivi mifruxa fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-Unjoni hija impenjata biex tippromwovi x-xogħol deċenti kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti | (22) L-Unjoni hija impenjata biex tippromwovi x-xogħol deċenti ***u djalogu soċjali***, kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards |

| | |
|---|---|
| internazzjonalment u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba madwar id-dinja. | tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba madwar id-dinja. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) L-Unjoni għandha toffri appoġġ lill-pajjiżi sħab fl-isforzi tagħhom biex joħolqu l-impjieg biex itejbu l-impjegabbiltà, biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol u jiżviluppaw politiki soċjali.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22b) L-Unjoni għandha tappoġġa l-pajjiżi sħab biex jistabbilixxu liġijiet tax-xogħol aktar b'saħħithom li jipproteġu lit-tfal minn kundizzjonjiet tax-xogħol abbużivi u biex jieħdu azzjoni fil-pront biex jinqered it-tħaddim illegali tat-tfal.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22c) Il-kooperazzjoni fil-mobilità ċirkolari kkontrollata li tiżgura migrazzjoni ġusta u l-ġlieda kontra t-traffikar u l-isfruttar huma essenzjali kemm għall-Unjoni kif ukoll għas-sħab*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħha.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22d) It-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u d-djalogu mas-sħab soċjali kif ukoll l-appoġġ għat-titjib strutturali ekonomiku, soċjali, edukattiv u ta' koeżjoni territorjali meħtieġ fil-pajjiżi sħab għandhom ikunu fost l-objettivi ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba ***u*** l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi *l-imsieħba* soċjali; | (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, ***il-ġustizzja soċjali,*** l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, ***il-libertà tal-midja,*** il-promozzjoni ta' governanza tajba ***u proċeduri trasparenti***, l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi *s-sħab* soċjali ***u t-tisħiħ tad-djalogu soċjali***; |

**Emenda 13**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) meta jiġi mmirat il-ħolqien sostenibbli ta' impjiegi deċenti, protezzjoni soċjali, it-titjib xieraq tal-kwalità tax-xogħol u tal-politiki tax-*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***xogħol inklużi l-programmi edukattivi u ta' taħriġ, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, u l-indirizzar tal-abbużi fis-suq tax-xogħol f'dan ir-rigward, il-pajjiżi sħab għandhom jiġu mħeġġa jirratifikaw il-konvenzjonijiet ewlenija kollha tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali ssir konformi ma' dawk il-konvenzjonijiet;*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet; | (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni ***b'appoġġ speċjali għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju*** u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz ***tal-investiment soċjali, l-approssimazzjoni*** leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet ***u l-iżvilupp tal-ħiliet. Huwa importanti madanakollu li l-integrazzjoni ekonomika ma tqanqalx kompetizzjoni inġusta fis-suq intern***; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali; | (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet ***b'konformità mal-liġi*** għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali***, inklużi inizjattivi ta' skambju għat-taħriġ tal-istudenti u taħriġ vokazzjonali b'appoġġ finanzjarju*** |

| | |
|---|---|
| | ***adegwat***; |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; | (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis ***u l-prevenzjoni*** tal-faqar***, il-qgħad u l-esklużjoni soċjali b'attenzjoni partikolari għall-gruppi vulnerabbli***, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali ***sostenibbli***, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) isir appoġġ għall-ħolqien tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti; | (e) isir appoġġ ***għas-sensibilizzazzjoni u t-tolleranza kulturali, etnika u reliġjuża,*** għall-ħolqien tal-fiduċja***, il-kontroll tal-migrazzjoni irregolari sabiex jiġi evitat li l-migranti jkunu esposti għar-riskji ta', fost affarijiet oħra, imġiba illegali u kundizzjonijiet ta' għajxien ħżiena*** u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti; |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) li tiġi żgurata l-kompetittività ekonomika tal-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi msieħba tagħha bl-inklużjoni ta' proġetti u proċeduri li huma l-aktar adattati għall-SMEs, biex b'hekk ikunu jistgħu jintegraw ruħhom aħjar fis-suq intern tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) li jiġi kkordinat l-appoġġ mill-UE għall-SMEs, u l-promozzjoni tal-ħolqien tan-negozji bejn SMEs fil-pajjiżi msieħba u dawk li jinsabu fl-Unjoni. li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' proġetti u investimenti tal-SMEs fil-pajjiżi msieħba, biex b'hekk jiġu rilaxxati r-riżorsi meħtieġa għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni transnazzjonali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall- | 3. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE***, inklużi rapporti min-naħa tal-Aġenziji tal-Unjoni,*** dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), ***(aa),*** (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE |

| | |
|---|---|
| paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg. | mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, ***il-qafas regolatorju għall-kwistjonijiet tal-protezzjoni soċjali,*** l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg***, il-kwalità tal-impjieg u l-iżvilupp tal-kapital uman, il-livelli ta' faqar, id-distribuzzjoni tad-dħul, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-obbligu tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili li jipparteċipaw fi djalogu soċjali u d-dritt tagħhom li jiġu kkonsultati qabel ma tiddaħħal il-leġiżlazzjoni.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. | 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament***, marbuta b'mod attiv mal-istrumenti u l-politiki interni eżistenti tal-Unjoni fir-rigward tal-infrastruttura, l-enerġija, it-trasport, l-ICT, l-impjieg u l-politika soċjali, il-migrazzjoni, l-edukazzjoni, il-kultura, ir-riċerka u l-*** |

*innovazzjoni*.

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet ***soċjali u*** tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali ***u l-ġustizzja soċjali***, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Sylvana Rapti<br>19.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 24.4.2012 30.5.2012 |

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 31.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 1<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Phil Bennion, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, Philippe Boulland, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Minodora Cliveti, Marije Cornelissen, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Thomas Händel, Marian Harkin, Nadja Hirsch, Ádám Kósa, Jean Lambert, Thomas Mann, Csaba Őry, Sylvana Rapti, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Inês Cristina Zuber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sergio Gutiérrez Prieto, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anthea McIntyre, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Sógor |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jens Nilsson |

1.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur: Konrad Szymański

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Żewġ inizjattivi politiċi ewlenin sawru l-kooperazzjoni reġjonali fil-Viċinat tal-Unjoni Ewropea: is-Sħubija tal-Lvant bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha tal-Lvant, u l-Unjoni għall-Mediterran bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha fin-Nofsinhar tal-Mediterran. Dawn l-inizjattivi huma oqfsa politiċi importanti għall-approfondiment tar-relazzjonijiet ma’ u fost il-pajjiżi msieħba, ibbażati fuq prinċipji ta’ proprjetà u responsabbiltà kondiviżi. | (6) Żewġ inizjattivi politiċi ewlenin sawru l-kooperazzjoni reġjonali fil-Viċinat tal-Unjoni Ewropea: is-Sħubija tal-Lvant bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha tal-Lvant, u l-Unjoni għall-Mediterran***, flimkien mal-ARLEM (l-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja),*** bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha fin-Nofsinhar tal-Mediterran. Dawn l-inizjattivi huma oqfsa politiċi importanti għall-approfondiment tar-relazzjonijiet ma’ u fost il-pajjiżi msieħba, ibbażati fuq prinċipji ta’ proprjetà u responsabbiltà kondiviżi. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Mindu tnediet il-Politika Ewropea tal-Viċinat u twaqqaf l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija seħħew numru ta' ***żviluppi*** ewlenin. Dawn jinkludu approfondiment tar-relazzjonijiet *mal-imsieħba*, it-tnedija ta' inizjattivi reġjonali u proċessi ta' transizzjoni demokratika ***fir-reġjun***. Dan ġab viżjoni ġdida għall-Politika Ewropea tal-Viċinat viżjoni stabbilita fl-2011 bħala riżultat ta' Reviżjoni Strateġika tal-Politika komprensiva. Din tiddeskrivi l-objettivi ewlenin tal-kooperazzjoni ***tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Viċinat u tipprovdi għal appoġġ akbar lill-imsieħba*** impenjati fil-bini ta' soċjetajiet demokratiċi u ***fit-twetiq ta' riformi***, f'konformità mal-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "responsabbiltà reċiproka". | (7) Mindu tnediet il-Politika Ewropea tal-Viċinat u twaqqaf l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija seħħew numru ta' ***tibdiliet politiċi*** ewlenin ***kemm fil-pajjiżi tal-viċinat tan-Nofsinhar kif ukoll f'dawk tal-Lvant***. Dawn jinkludu approfondiment tar-relazzjonijiet *mas-sħab*, it-tnedija ta' inizjattivi reġjonali u proċessi ta' transizzjoni demokratika***, b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-kosta tan-Nofsinhar tal-Mediterran wara l-avvenimenti tar-Rebbiegħa 2011***. Dan ġab viżjoni ġdida għall-Politika Ewropea tal-Viċinat viżjoni stabbilita fl-2011 bħala riżultat ta' Reviżjoni Strateġika tal-Politika komprensiva. Din ***il-politika*** tiddeskrivi l-objettivi ewlenin ***għall-promozzjoni*** tal-kooperazzjoni ***u l-appoġġ għas-sħab*** impenjati fil-bini ta' soċjetajiet ***aktar ekwitabbli u*** demokratiċi ***li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem*** u ***l-libertajiet fundamentali***, f'konformità mal-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "responsabbiltà reċiproka". |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-ambitu ta' dan l-Istrument għandu jippromwovi approċċ transkonfinali u differenzjat sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni fil-pront u effikaċi tal-programmi fil-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, sabiex jitħeġġeġ l-*** |

***iżvilupp reġjonali u dak interreġjonali tal-proġetti u titrawwen politika ta' kooperazzjoni diċentralizzata.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (9) Barra minn hekk, huwa importanti li l-kooperazzjoni tkun inkoraġġita u ffaċilitata għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u *l-imsieħba* tagħha, notevolment permezz tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-proġetti tal-infrastruttura ta' interess għall-Unjoni li se jgħaddu minn pajjiżi tal-Viċinat u l-oqsma oħra ta' kooperazzjoni. | (9) Barra minn hekk, huwa importanti li l-kooperazzjoni tkun inkoraġġita u ffaċilitata għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u *s-sħab* tagħha, notevolment permezz tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-proġetti tal-infrastruttura ta' interess għall-Unjoni li se jgħaddu minn pajjiżi tal-Viċinat***, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-produzzjoni*** u ***t-trasport tal-enerġija u*** l-oqsma oħra ta' kooperazzjoni ***bħal RDI u t-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija fil-qasam tat-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u effiċjenza enerġetika***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) Il-Kooperazzjoni Transkonfinali se tikkontribwixxi kif xieraq għall-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali eżistenti u futuri. | (12) Il-Kooperazzjoni Transkonfinali se tikkontribwixxi kif xieraq għall-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali eżistenti u futuri. ***L-aktar billi jiġu prijoritizzati l-kurituri tal-gass, tal-elettriku u taż-żejt, flimkien mal-infrastruttura għall-ħżin tal-gass naturali.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) L-appoġġ provdut għandu wkoll ikun koerenti mal-miri fit-tul tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija, u b'mod partikolari mal-Pjanijiet Direzzjonali 2050 dwar il-Klima u l-Enerġija u l-għan ta' dekarbonizzazzjoni u l-ksib sal-2050 ta' tnaqqis fl-emissjonijiet.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Il-Politika Ewropea tal-Viċinat għandha ssaħħaħ is-sinerġiji ma' proġetti multilaterali li nbdew permezz tal-Unjoni għall-Mediterran.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom itejbu l-koerenza u l-komplementarjetà tal-politiki rispettivi tagħhom dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien. Sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin, huwa xieraq li jkun ipprovdut għall-ipprogrammar konġunt li għandu jkun implimentat meta jkun possibbli u rilevanti. | (15) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom itejbu l-koerenza u l-komplementarjetà tal-politiki rispettivi tagħhom dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien***, filwaqt li jqisu wkoll il-prijoritajiet stipulati fl-Istrateġija Ewropa 2020***. Sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin, huwa xieraq li jkun ipprovdut għall-ipprogrammar konġunt li għandu jkun implimentat meta jkun possibbli u |

| | |
|---|---|
| | rilevanti. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu ***fil-prinċipju*** jiġi *allinjati* mal-istrateġiji u l-miżuri nazzjonali, reġjonali jew lokali korrispondenti tal-pajjiżi *msieħba*. | (16) L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jiġi *allinjat* mal-istrateġiji u l-miżuri nazzjonali, reġjonali jew lokali korrispondenti tal-pajjiżi *sħab*. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) F'pajjiżi tal-Viċinat fejn l-allinjament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni huwa wieħed mill-objettivi ta' politika ewlenin, l-Unjoni ***hija fl-aħjar pożizzjoni*** biex twassal ***dan l-appoġġ***. Ċertu appoġġ speċifiku jista' jingħata biss fil-livell tal-Unjoni. | (17) F'pajjiżi tal-Viċinat fejn l-allinjament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni huwa wieħed mill-objettivi ta' politika ewlenin, l-Unjoni ***għandha timpenja ruħha*** biex twassal ***appoġġ f'waqtu u kosteffikaċi***. Ċertu appoġġ speċifiku jista' jingħata biss fil-livell tal-Unjoni. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija hija element ewlenija tal-politika tal-enerġija Ewropea, li fiha l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat ibbażata fuq l-integrazzjoni regolatorja tas-suq, id-diversifikazzjoni tar-riżorsi u r-rotot ta' tranżitu, huma tal-akbar importanza. B'konformità mal-Artikolu 194 tat-Trattat*** |

***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, it-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll ta' Tranżitu tagħha, ir-regoli tat-Tielet Pakkett għas-Swieq tal-Gass u l-Elettriku u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-siġurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali, dan ir-Regolament għandu jsostni l-ksib ta' dawk l-għanijiet li, fuq perjodu twil, għandhom jiżguraw it-trasparenza u l-kost-effettività għall-funzjonament tas-swieq tal-gass u l-elettriku.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Is-sostenn ipprovdut skont l-Istrument Ewropew ta' Viċinat lill-pajjiżi tal-viċinat li qegħdin jiżviluppaw għandu jiġi separat mill-għajnuna pprovduta lil dawk il-pajjiżi skont l-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI); Għandu jkun hemm skedar separat tad-diversi strumenti finanzjarji previsti skont il-Qafas Finanzjarju Multiannwali ġdid (MFF) 2014-2020.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19b) Hemm bżonn ta' azzjoni tal-Unjoni lil hinn mill-fruntieri tagħha biex tiżgura qafas stabbli għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat fir-rigward tar-riżorsi u l-enerġija, li huwa konsistenti mar-regoli*** |

***tal-Unjoni dwar is-suq intern, jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija u tar-riżorsi tal-Unjoni.***

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19c) Fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill Ewropew stabbilixxa s-sena 2014 bħala l-iskadenza għat-tlestija tas-suq intern tal-elettriku u tal-gass, id-dimensjonijiet esterni ta' dawn il-politiki għandhom jiġu żviluppati bis-sħiħ u b'mod konsistenti, u l-ftehimiet ta' sħubija mal-pajjiżi tal-viċinat huma l-istrumenti l-aktar adattati biex dan jinkiseb.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ***hi waħda mill-akbar sfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni*** u hemm bżonn ***azzjoni internazzjonali urġenti. F'konfomità mal-intenzjoni tal-Kummissjoni ddikjarata fil-Komunikazzjoni tal-MFF ta' Ġunju 2011 għal żieda tal-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%,*** dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal ***dak*** il-għan. | Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u ***l-iżgurar ta' provvisti tal-enerġija sikuri huma tnejn mill-isfidi fir-rigward ta' liema azzjoni internazzjonali ġenwina*** hemm bżonn. Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal ***dan*** il-għan ***bħala parti minn politika aktar wiesgħa mmirata lejn il-promozzjoni transkonfinali ta' kull tip ta' soluzzjoni enerġetika li għandha l-potenzjal li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, eż. billi titħeġġeġ l-enerġija rinnovabbli. Inizjattivi bħall-Pjan Solari Mediterranju għandhom isaħħu dan l-għan.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Ir-relazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-viċinat tagħha għandha tqis l-istrutturi ekonomiċi eżistenti u n-nisġa industrijali tagħhom, sabiex jiġu ffaċilitati politiki li jippromwovu l-SMEs u l-ħolqien tal-impjiegi.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi *msieħba* u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. | 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi *sħab* u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni ***u l-istrateġiji makroreġjonali*** maqbula b'mod konġunt. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards | (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejba inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards |

| | |
|---|---|
| tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet; | tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet ***tal-infrastruttura mmirati biex isaħħu d-diversifikazzjoni tal-katini tal-provvista tal-enerġija, l-affidabbiltà tar-rotot ta' tranżitu u l-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-swieq tal-enerġija***; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) it-tisħiħ tal-objettivi tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija u t-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll ta' Tranżitu tagħha billi tiġi segwita l-adeżjoni tal-pajjiżi tal-viċinat tal-Lvant mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija u r-ratifika min-naħa tal-pajjiżi sħab kollha u tal-Federazzjoni Russa mat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll ta' Tranżitu tagħha.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE li jkopru stati tal-viċinat tal-UE, kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni relatati magħhom;*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv ***fl-aspetti kollha***, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta’ koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, ***l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza*** għad-diżastri; | d) jinkiseb żvilupp sostenibbli***, ekwitabbli*** u inklussiv, it-tnaqqis ***tal-ġuħ u*** tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta’ koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, ***il-kooperazzjoni fl-enerġija, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza*** għad-diżastri ***u l-promozzjoni tal-R&D***; |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (e) isir appoġġ għall-ħolqien tal-fiduċja ***u*** miżuri ***oħrajn*** li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti; | (e) isir appoġġ għall-ħolqien tal-fiduċja ***permezz ta'*** miżuri ***konkreti*** li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ea) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' forom ta' enerġija rinnovabbli, u b'hekk jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 fir-rigward tal-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet u n-netwerks tal-enerġija, bħall-implimentazzjoni fil-prattika tal-Pjan Solari Mediterranju;*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(eb) li tiġi żgurata l-kompetittività ekonomika tal-Unjoni u tal-pajjiżi sħab tagħha billi jiġu inkorporati l-proġetti u l-proċeduri li joffru l-aħjar reazzjoni għall-ħtiġijiet tal-SMEs, u b'hekk ikun aktar faċli għall-SMEs li jipparteċipaw fis-suq intern tal-Unjoni;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ec (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ec) il-koordinament tal-appoġġ Ewropew għall-SMEs u l-inkoraġġiment tal-ħolqien ta' impriżi konġunti bejn l-SMEs fil-pajjiżi sħab u dawk fl-Unjoni; il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-proġetti u l-investimenti tal-SMEs fil-pajjiżi sħab, biex b'hekk jiġu mobilizzati r-riżorsi meħtieġa għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni transnazzjonali;*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (f) isir titjib tal-kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-Viċinat kif ukoll tal-Kooperazzjoni Transkonfinali. | (f) isir titjib tal-kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-Viċinat kif ukoll tal-Kooperazzjoni Transkonfinali ***u Territorjali, billi jitrawmu sinerġiji u netwerks reġjonali f'oqsma bħall-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, ir-riċerka, l-ICT, il-kultura u l-mobbiltà***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) bl-użu tal-politiki tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, bħas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 - 2013) u Orizzont 2020, bħala mezzi ewlenin ta' kooperazzjoni u li jinkorporaw il-pajjiżi sħab fil-Qasam tar-Riċerka Ewropea; li dawn il-programmi ta' qafas jitqiesu li jikkostitwixxu kontribut vitali għat-tkabbir ekonomiku, għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-innovazzjoni.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, ***inklużi l-*** | 3. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), ***(ba), (***c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, ***il-qagħda tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni u t-trattati*** |

| | |
|---|---|
| ***livelli*** tal-impjieg. | ***internazzjonali,*** il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, ***bħal differenzi fl-introjtu u fil-livelli*** tal-impjieg***, l-aċċess għall-elettriku u għal forom oħra ta' enerġija, għall-ilma u għas-sanità***. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. | 1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, ***b'enfasi partikolari fuq it-Tratatt dwar il-Komunità tal-Enerġija u t-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll ta' Tranżitu tagħha,*** Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u ***l-appoġġ*** ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u *l-Bank Ewropew tal-Investiment*. | 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u ***appoġġ u strumenti finanzjarji oħra, bħall-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI),*** |

ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u *l-BEI*.

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) programmi dwar l-istrateġiji makroreġjonali tal-Unjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni relatati magħhom;*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) programmi transkofinali mmirati lejn it-trawwim ta' sinerġiji u netwerks reġjonali konġunti ma' pajjiżi tal-viċinat f'oqsma bħall-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, ir-riċerka, l-ICT, il-kultura, it-trasport u l mobbiltà bejn il-pajjiżi tal-viċinat, permezz ta' kooperazzjoni bejn reġjun wieħed jew aktar tal-Istati Membri ma' reġjun wieħed jew aktar tal-pajjiżi sħab.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għall-programmi multinazzjonali, se jiġi adottat dokument ta' ipprogrammar komprensiv li jinkludi Strateġija u programm indikattiv Multiannwali skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' | 3. Għall-programmi ***u l-istrateġiji*** multinazzjonali ***makroreġjonali***, se jiġi adottat dokument ta' programmar komprensiv li jinkludi Strateġija u programm indikattiv Multiannwali skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl- |

Implimentazzjoni Komuni. Dan għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni lejn ir-reġjun jew is-subreġjun u l-livell indikattiv tal-finanzjament imqassam skont il-prijorità. Dan għandu jkoll tul multiannwali xieraq.

Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Dan għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni lejn ir-reġjun jew is-subreġjun u l-livell indikattiv tal-finanzjament imqassam skont il-prijorità. Dan għandu jkoll tul multiannwali xieraq.

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 6. Fejn ikun neċessarju li jiġu implimentati miżuri aktar effettivi għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-pajjiżi *msieħba*, f'oqsma bħall-kooperazzjoni transnazzjonali u l-interkonnessjonijiet, il-finanzjament taħt dan ir-Regolament jista' jingħabar flimkien mal-finanzjament kopert minn Regolamenti tal-Unjoni rilevanti oħra li jistabbilixxu strumenti finanzjarji. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi liema sett uniku ta' regoli għandu japplika għall-implimentazzjoni. | 6. Fejn ikun neċessarju li jiġu implimentati miżuri aktar effettivi għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-pajjiżi *sħab*, f'oqsma bħall-kooperazzjoni transnazzjonali u l-interkonnessjonijiet, il-finanzjament taħt dan ir-Regolament jista' jingħabar flimkien mal-finanzjament kopert minn Regolamenti tal-Unjoni rilevanti oħra li jistabbilixxu strumenti finanzjarji*, **bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa***. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi liema sett uniku ta' regoli għandu japplika għall-implimentazzjoni. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti | 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid ***ekonomiċi, politiċi jew enerġetiċi*** għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u |

| | |
|---|---|
| finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom. | l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) madwar baċir tax-xmara, li jkopri l-unitajiet territorjali li jikkorrispondu għal-livell 2 tan-NUTS jew ekwivalenti li jħarsu lejn baċir tax-xmara komuni għall-Istati Membri u l-pajjiżi sħab u/jew il-Federazzjoni Russa;*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) makroreġjuni diġà koperti mill-istrateġiji jew mis-sinerġiji tal-Unjoni;*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-allokazzjonijiet indikattivi tal-fondi għall-programmi operattivi konġunti għandhom ikunu bbażati primarjament fuq il-popolazzjoni taż-żoni eliġibbli.*** Meta | 4. Meta jkunu ddeterminati l-allokazzjonijiet indikattivi ***tal-fondi***, jistgħu jsiru aġġustamenti biex jirriflettu l-ħtieġa għal bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet |

| | |
|---|---|
| jkunu ddeterminati l-allokazzjonijiet indikattivi, jistgħu jsiru aġġustamenti biex jirriflettu l-ħtieġa għal bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti taħt il-baġit ta' dan l-Istrument kif ukoll fatturi oħra li jolqtu l-intensità tal-kooperazzjoni, bħall-karatteristiċi speċifiċi ta' żoni fuq il-fruntiera u l-kapaċità tagħhom biex jiġġestixxu u jassorbu l-appoġġ tal-Unjoni. | mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti taħt il-baġit ta' dan l-Istrument kif ukoll fatturi oħra li jolqtu l-intensità tal-kooperazzjoni, bħall-karatteristiċi speċifiċi ta' żoni fuq il-fruntiera u l-kapaċità tagħhom biex jiġġestixxu u jassorbu l-appoġġ tal-Unjoni. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pakkett finanzjarju disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu ta' bejn l-2014 sal-2020 għandu jkun EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali). Sa ***5%*** tal-pakkett finanzjarju għandu jkun allokat lill-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali msemmijin fl-Artikolu 6(1) (c). | 1. Il-pakkett finanzjarju disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu ta' bejn l-2014 sal-2020 għandu jkun EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali). Sa ***15%*** tal-pakkett finanzjarju għandu jkun allokat lill-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali msemmijin fl-Artikolu 6(1) ***(aa),*** (c)***, u (ca)***. |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Konrad Szymański<br>7.3.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 24.4.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 31.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 1<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Reinhard Bütikofer, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Ioan Enciu, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Marisa Matias, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Patrizia Toia, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Francesco De Angelis, Vicente Miguel Garcés Ramón, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Ivailo Kalfin, Seán Kelly, Holger Krahmer, Zofija Mazej Kukovič, Vladimír Remek |

5.6.2012

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Joachim Zeller

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) ġiet żviluppata fl-2004 u tkopri 16-il imsieħba fil-Lvant u n-Nofsinhar tal-fruntieri tal-UE, jiġifieri l-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Marokk, it-territorju Palestinjan okkupat, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukraina. Taħt il-PEV l-UE toffri lill-ġirien tagħha relazzjoni pprivileġġata, imsejsa fuq impenn reċiproku għall-valuri u l-prinċipji bħalma huma d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż l-azzjoni dwar il-klima. Il-politika tipprovdi wkoll għall-assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika aktar profonda, żieda fil-mobbiltà u kuntatti interpersonali mtejba. Fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss għall-2014-2020 il-PEV għandha tiġi finanzjata minn strument dedikat, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, li jkopri s-16-il pajjiż sieħeb imsemmija hawn fuq u r-Russja. Il-proposta tal-Kummissjoni tirrikonoxxi ħafna mill-bidliet li wrew li huma neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Ir-rapporteur għal opinjoni, b'mod ġenerali, jikkondividi dan l-approċċ.

Madankollu, wieħed jista' jinnota li jeħtieġ li jsiru ċerti aġġustamenti speċifiċi fir-regolament, speċjalment fejn jikkonċerna l-perspettiva tal-politika għall-iżvilupp rurali. Din tappartjeni l-ewwel nett għall-programmi tal-Kooperazzjoni Transkonfinali previsti u speċjalment għall-kamp ta' applikazzjoni tal-finanzjament propost f'dan ir-rigward, sal-punt li jista' anke jkun prudenti li tiġi kkunsidrata l-idea ta' regolament separat dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali. Ir-rapporteur għal opinjoni, għalhekk, jipproponi allinjament (sal-livell ta' 7 %) fil-proporzjon tal-finanzjament tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat ta' dawn il-programmi fuq il-bażi tal-approċċ meħud b'mod kostanti mill-Parlament Ewropew fl-objettiv kollu tal-kooperazzjoni territorjali. Fl-istess ħin, qed tiġi preżentata referenza speċifika għar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT), filwaqt li qed jiġi eżaminat ir-rwol li dan l-istrument huwa mistenni li jkollu wara r-riforma tiegħu li qed titqies bħalissa

fid-dawl tal-implimentazzjoni futura tal-politika ta' koeżjoni kemm ġewwa kif ukoll barra l-fruntieri tal-UE.

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat, bħall-politika ta' koeżjoni, trid tkun ibbażata b'mod sod fuq il-prinċipji ta' sħubija u governanza multilivellari, sabiex tinvolvi l-ikbar ammont ta' sieħba possibbli, li b'mod partikolari jirreferu għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi tal-viċinat. B'mod simili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) jeħtieġ li jiġu inklużi. B'hekk, is-sieħba kollha definiti għandhom ikunu involuti fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programm operattiv konġunt tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat. Għal dan l-iskop, dawn il-programmi għandhom jiġu mgħammra wkoll b'reviżjoni obbligatorja ta' nofs it-terminu tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni, kif jiġi prattikat fil-politiki l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapporteur għal opinjoni, għalhekk, ippropona soluzzjoni komprensiva għal din il-kwistjoni.

B'mod iktar ġenerali, l-isforzi msemmija hawn fuq huma parti mill-impenn favur id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, li fih għandhom jiġu involuti l-politiki tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, qed tiġi proposta premessa addizzjonali sabiex tingħata l-attenzjoni lejn is-soluzzjonijiet il-ġodda f'dan ir-rigward. Peress li l-Politika Ewropea tal-Viċinat timmira li tappoġġja l-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi u tas-soċjetà ċivili fiż-żoni madwar l-Unjoni Ewropea, il-finanzjament tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat għandu jiġi allokat fuq il-bażi varjata u bbilanċjata filwaqt li jirrifletti d-diversità tal-istati u r-reġjuni inkorporati mill-politika kkonċernata. Barra minn hekk, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li tali kriterji jistgħu jiġu definiti biss ex ante, ir-rapporteur għal opinjoni jqis li mill-inqas xi kwistjonijiet relatati magħhom jistgħu jiġu definiti fl-att delegat li jimplimenta r-regolament ikkonċernat, sakemm dan ikun mitlub fir-regolament innifsu b'mod mhux ambigwu. Madankollu, jekk jirriżulta li hu possibbli li dawn jiġu definiti bi preċiżjoni suffiċjenti fir-regolament, tali żvilupp jintlaqa' tajjeb.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) L-UE għandha tħeġġeġ ukoll il-kooperazzjoni territorjali bejn ir-reġjuni l-iktar mbiegħda u l-istati tal-viċinat, peress li mingħajr ir-reġjuni l-iktar imbiegħda l-UE ma jkollhiex dawk il-punti ta' vantaġġ ma' kontinenti oħra u b'hekk il-politiki*** |

*tal-UE jkunu ħafna iktar ristretti;*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***L-appoġġ taħt dan l-Istrument u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jiġi pprovdut għall-programmi ta' Kooperazzjoni*** Transkonfinali *fuq il-fruntieri* esterni ***tal-Unjoni Ewropea bejn il-pajjiżi msieħba u l-Istati Membri biex jippromwovi l-iżvilupp reġjonali integrat u sostenibbli bejn reġjuni viċini fuq il-fruntieri u integrazzjoni territorjali armonjuża bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-viċinat***. | (8) ***Sabiex tkun garantita applikazzjoni ċara, flessibbli u effiċjenti tal-Kooperazzjoni*** Transkonfinali *fil-fruntieri* esterni ***għandu jiġi adottat pakkett legali inkluživ separata dwar din il-kwistjoni.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) L-importanza tat-tisħiħ tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem għandha tiġi emfasizzata u għandhom jittieħdu inizjattivi sabiex jinħolqu mekkaniżmi solidi ġodda f'dan ir-rigward, bħall-Fond Ewropew għad-Demokrazija.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
Premessa 9a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Il-punt tat-tluq għandu jkun il-ġestjoni konġunta u l-armonizzazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***mal-prattiki tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, u kooperazzjoni ġenwina. Il-bażi regolatorja għandha tagħti possibilità ta' modi differenti ta' ġestjoni li dwarhom għandhom jaqblu l-pajjiżi parteċipanti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali tal-ENPI mal-fruntieri esterni joperaw f'ambjenti differenti ħafna; uħud minnhom jikkonċentraw iktar fuq il-kooperazzjoni b'parteċipazzjoni sostanzjali tal-pajjiż sieħeb; oħrajn huma eqreb il-programmi ta' assistenza teknika.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) L-impenn biex tinkiseb koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali huwa karatteristika importanti tal-Unjoni u din għandha tiġi projettata ukoll, kemm jista' jkun, fil-viċinat tagħha bħala parti minn proċess ta' benefiċċju reċiproku ta' governanza multilivellari li jinvolvi, b'mod partikolari, l-awtoritajiet reġjonali u lokali. Filwaqt li jiddaħħlu l-fergħat transnazzjonali u transreġjonali, id-dimensjoni territorjali ta' din il-kooperazzjoni tidher l-iktar fil-viċinat tal-Unjoni permezz tal-kooperazzjoni transkonfinali.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) L-Unjoni Ewropea impenjat ruħha favur id-dimensjoni tat-Tramuntana tas-sħubija u konsegwentement hija obbligata tiżviluppa l-istrumenti li jirrendu possibbli*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni transkonfinali. Sabiex tinkiseb dimensjoni dettaljata tal-finanzjament tad-Dimensjoni tat-Tramuntana għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, ikun meħtieġ li d-dispożizzjonijiet relatati ma' din il-kwistjoni jinġabru fir-regolament preżenti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Dimensjoni tat-Tramuntana għandha karattru reġjonali qawwi u l-pajjiżi parteċipanti, barra minn hekk, huma involuti fil-kooperazzjoni fil-programmi ENI CBC.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom itejbu l-koerenza u l-komplementarjetà tal-politiki rispettivi tagħhom dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien. Sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin, huwa xieraq li jkun ipprovdut għall-ipprogrammar ***konġunt*** li ***għandu jkun implimentat*** meta jkun possibbli u rilevanti. | (15) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom itejbu l-koerenza***, l-effettività*** u l-komplementarjetà tal-politiki rispettivi tagħhom dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien. Sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin***, partikolarment fl-oqsma bħal ma huma l-enerġija, il-mezzi ta' trasport, l-edukazzjoni u r-riċerka,*** huwa xieraq li jkun ipprovdut għall-ipprogrammar ***u finanzjament konġunt***i li ***għandhom ikunu implimentati*** meta jkun possibbli u rilevanti. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (minn hawn 'il quddiem "ir- | (26) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (minn hawn 'il quddiem "ir- |

| | |
|---|---|
| Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni") jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna, is-setgħat iddelegati li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi meħtieġa għall-mekkaniżmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali stabbiliti fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni") jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna, is-setgħat iddelegati li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta ***l-modalitajiet ta' reviżjoni tal-programmi operattivi konġunti u*** l-miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi meħtieġa għall-mekkaniżmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali stabbiliti fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament***, biex tiġi aġġornata l-lista ta' pajjiżi benefiċjarji fl-Anness kif ukoll biex jiġi deċiż li tiġi estiża l-eliġibilità tal-azzjonijiet għall-pajjiżi mhux imsemmija fl-Anness***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jintuża għall-benefiċċju tal-pajjiżi msieħba u ***jista'*** wkoll jintuża għall-benefiċċju komuni tal-UE u l-pajjiżi msieħba. | 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jintuża għall-benefiċċju tal-pajjiżi msieħba u ***għandu*** wkoll jintuża għall-benefiċċju komuni tal-UE u l-pajjiżi msieħba. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. | 1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika ***u soċjali*** progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b'mod konġunt. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali; | (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem***, tad-drittijiet tal-minoritajiet*** u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali; |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali; | (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti ***interpersonali, inklużi, b'mod partikolari, l-azzjonijiet fl-oqsma tal-kultura u tal-isport***; |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta’ koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; | (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta’ koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, ***l-irfinar tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab u bejn il-pajjiżi sħab innifishom filwaqt li tissaħħaħ it-tfittxija tal-benefiċċju komuni tal-pajjiżi parteċipanti,*** l-iżvilupp rurali sostenibbli, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm diversi vantaġġi u benefiċċji minn din l-għodda ta' bini istituzzjonali. L-iktar importanti huma: l-iżvilupp ta' amministrazzjoni moderna u effiċjenti fil-livell ċentrali, lokali u reġjonali, l-iskambju dirett tal-esperjenzi u l-għarfien f'dak li jikkonċerna l-leġiżlazzjoni tal-UE, l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tal-amministrazzjoni tal-UE, it-taħriġ u t-titjib tal-kapaċità professjonali, bidliet fil-prattiki u l-kultura organizzattivi, komunikazzjoni u koordinazzjoni aħjar, eċċ..*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) issir kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-Viċinat kif ukoll il-Kooperazzjoni Transkonfinali. | (f) issir kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-Viċinat kif ukoll il-Kooperazzjoni Transkonfinali. ***jeħtieġ, b'mod partikolari, li jiġu żviluppati n-netwerks trans-Ewropej, l-infrastrutturi ta' trasport u, partikolarment, l-awtostradi tal-baħar fid-dawl tat-tkabbir tal-iskambji u tal-faċilitazzjoni tal-mobilità u tal-iskambju bejn ir-reġjuni Ewropej u r-reġjuni ġirien;*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjoijiet mhux governattivi u l-appoġġ għall-attivitajiet demokratiċi tagħhom ta' bini ts-soċjetà.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*F'xi pajjiżi s-soċjetà ċivili tiġi trattata bħala għodda tal-bini tal-kapaċità amministrattiva. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li dak li hu meħtieġ ukoll huwa l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-bini tal-valuri demokratiċi u l-appoġġ tal-attività tagħhom li ma tiddependix mill-gvern.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) issir promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' sinerġiji u tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-fondi u l-programmi differenti tal-mekkaniżmu ta' qabel l-adeżjoni u tal-politika tal-viċinat;*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż | 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb ***għall-iżvilupp u*** għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni |

| | |
|---|---|
| mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi***, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u atturi oħra mhux statali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni***. | 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi ***l-imsieħba li ġejjin:*** |
| | ***(i) l-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;*** |
| | ***(ii) imsieħba ekonomiċi u soċjali;*** |
| | ***(iii) korpi li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; kif ukoll*** |
| | ***(iv) atturi mhux statali.*** |
| | ***L-imsieħba għandhom jipparteċipaw fil-kumitati ta' monitoraġġ għall-programmi.*** |
| | ***L-involviment ta' dawk l-imsieħba għandu jkun bi qbil mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-involviment tas-soċjetà ċivili huwa element importanti tal-bini u tat-tisħiħ tas-soċjetà. L-iżvilupp ta' amministrazzjoni moderna u effiċjenti fil-livell ċentrali, lokali u reġjonali, l-iskambju dirett tal-esperjenzi u l-għarfien f'dak li jikkonċerna l-leġiżlazzjoni tal-UE, l-*

*implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tal-amministrazzjoni tal-UE, it-taħriġ u t-titjib tal-kapaċità professjonali, bidliet fil-prattiki u l-kultura organizzattivi, komunikazzjoni u koordinazzjoni aħjar, kif ukoll, finalment imma ta' importanza ugwali, l-implimentazzjoni ta' politiki strutturali jirrikjedu kollha rikonoxximent sod, ċar u dettaljat tal-prinċipji ta' sħubija.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-implimentazzjoni mingħajr ostakli tal-prinċipju ta' sħubija msemmi fil-paragrafu 2 jeħtieġ appoġġ għall-bini ta' kapaċitajiet u titjib fis-sitwazzjoni tal-imsieħba relevanti, li jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' miżuri istituzzjonali ta' bini ta' kapaċitajiet, appoġġjati minn dan l-istrument.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment. | 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investiment. ***Is-sinerġija bejn dawn il-programmi hija essenzjali biex jintlaħqu u jiġu kkonsolidati b'mod reċiproku l-objettivi fil-livelli reġjonali u transkonfinali.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ga) kontribuzzjonijiet lill-istrateġiji makroreġjonali tal-preżent u tal-futur orjentati lejn il-pajjiżi ġirien tal-Unjoni u/jew il-Federazzjoni Russa.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. ***L-allokazzjonijiet indikattivi tal-fondi għall-programmi operattivi konġunti għandhom ikunu bbażati primarjament fuq il-popolazzjoni taż-żoni eliġibbli.*** Meta jkunu ddeterminati l-allokazzjonijiet indikattivi, jistgħu jsiru aġġustamenti biex jirriflettu l-ħtieġa għal bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti taħt il-baġit ta' dan l-Istrument kif ukoll fatturi oħra li jolqtu l-intensità tal-kooperazzjoni, bħall-karatteristiċi speċifiċi ta' żoni fuq il-fruntiera u l-kapaċità tagħhom biex jiġġestixxu u jassorbu l-appoġġ tal-Unjoni. | 4. Meta jkunu ddeterminati l-allokazzjonijiet indikattivi ***tal-fondi għall-programmi operattivi konġunti fuq il-bażi ta' kriterji relevanti għaż-żoni eliġibbli,*** jistgħu jsiru aġġustamenti biex jirriflettu l-ħtieġa għal bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti taħt il-baġit ta' dan l-Istrument kif ukoll fatturi oħra li jolqtu l-intensità tal-kooperazzjoni, bħall-karatteristiċi speċifiċi ta' żoni fuq il-fruntiera u l-kapaċità tagħhom biex jiġġestixxu u jassorbu l-appoġġ tal-Unjoni. ***Il-kriterji għandhom jiġu adottati permezz ta' att delegat.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-varjetà wiesgħa b'mod naturali tal-pajjiżi u tar-reġjuni fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea teħtieġ approċċ li b'mod ibbilanċjat iqis id-differenzi li hemm bejniethom.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. Fi żmien sena mill-approvazzjoni tad-dokument tal-ipprogrammar imsemmi fl-Artikolu 9, il-pajjiżi parteċipanti għandhom | 4. Fi żmien sena mill-approvazzjoni tad-dokument tal-ipprogrammar imsemmi fl-Artikolu 9, il-pajjiżi parteċipanti għandhom |

| | |
|---|---|
| jippreżentaw b'mod konġunt proposti għal programmi operattivi konġunti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull programm operattiv konġunt wara li tivvaluta l-konsistenza tiegħu ma' dan ir-Regolament, mad-dokument tal-ipprogrammar u mar-regoli ta' implimentazzjoni. | jippreżentaw b'mod konġunt proposti għal programmi operattivi konġunti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull programm operattiv konġunt wara li tivvaluta l-konsistenza tiegħu ma' dan ir-Regolament, mad-dokument tal-ipprogrammar u mar-regoli ta' implimentazzjoni ***fi żmien tliet xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-pajjiżi parteċipanti***. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-programmi operattivi konġunti għandhom jiġu reveduti f'nofs it-terminu permezz tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali sabiex jitqiesu fatturi li jiġru fil-proċess ta' implimentazzjoni, bħal:*** |
| | ***– bidliet fil-prijoritajiet ta' kooperazzjoni, żviluppi soċjoekonomiċi,*** |
| | ***– ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati u l-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-proċess ta' monitoraġġ u implimentazzjoni,*** |
| | ***– il-ħtieġa ta' aġġustament tal-ammonti tal-fondi disponibbli u r-riallokazzjoni tar-riżorsi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-possibilitajiet ta' reviżjoni tal-programmi operattivi konġunti previsti fil-proposta tal-Kummissjoni jidhru insuffiċjenti, għaliex dawn fil-biċċa l-kbira tagħhom jiddependu mir-rieda tal-atturi parteċipanti ta' livell għoli, filwaqt li qed jintesa l-fatt li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u atturi mhux statali oħra jistgħu jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jagħrfu l-isfidi li jkun hemm waqt l-implimentazzjoni. Għalhekk għandu tinħoloq opportunità għal analiżi fid-dettall tal-programmi kurrenti kif diġà jiġi prattikat f'oqma oħra tal-politika tal-UE.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jekk pajjiż parteċipanti jimpenja ruħu biex jikkofinanzja programm b'mod konġunt, il-programm operattiv konġunt għandu jiċċara l-arranġamenti għall-provvista, l-użu u l-monitoraġġ tal-kofinanzjament. ***Il-ftehim ta' finanzjament relatat għandu jiġi ffirmat mill-pajjiżi parteċipanti kollha.*** | 10. Jekk pajjiż parteċipanti jimpenja ruħu biex jikkofinanzja programm b'mod konġunt, il-programm operattiv konġunt għandu jiċċara l-arranġamenti għall-provvista, l-użu u l-monitoraġġ tal-kofinanzjament. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sabiex jippermettu lill-programmi operattivi konġunti biex jippreparaw b'mod xieraq għall-implimentazzjoni, in-nefqa mġarrba ***wara l-preżentazzjoni tal-programmi operattivi konġunti lill-Kummissjoni għandha tkun eliġibbli l-iktar kmieni*** mill-1 ta' Jannar 2014. | 3. Sabiex jippermettu lill-programmi operattivi konġunti biex jippreparaw b'mod xieraq għall-implimentazzjoni, in-nefqa mġarrba ***għandha tkun eliġibbli mid-data ta' meta l-programm operattiv ġie ppreżentat lill-Kummissjoni jew*** mill-1 ta' Jannar 2014 ***jekk din id-data tkun qabel l-ewwel waħda***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kwistjonijiet koperti mir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar: | 2. Kwistjonijiet koperti mir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar***, fost affarijiet oħra***: |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-preparazzjoni, il-modifika u l-għeluq ta’ programmi operattivi konġunti; | (b) ***il-kontenut,*** il-preparazzjoni, il-modifika u l-għeluq ta’ programmi operattivi konġunti; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-rwol u l-funzjoni tal-istrutturi tal-programm: *Il-Kumitat* Konġunt ta’ Monitoraġġ, l-Awtorità ta’ Ġestjoni u s-Segretarjat Tekniku Konġunt tagħha, ***Kumitati Konġunti*** tal-Għażla, ***inklużi kumitati permanenti tagħhom,*** l-identifikazzjoni effettiva, il-kontabbiltà u r-responsabbiltà, id-deskrizzjoni tas-Sistemi tal-Ġestjoni u l-Kontroll, u l-kundizzjonijiet dwar il-ġestjoni teknika u finanzjarja tal-appoġġ tal-Unjoni, inklużi l-eliġibbiltà tan-nefqa; | (c) ir-rwol u l-funzjoni tal-istrutturi tal-programm: *il-Kumitat* Konġunt ta’ Monitoraġġ, l-Awtorità ta’ Ġestjoni u s-Segretarjat Tekniku Konġunt tagħha, ***kumitat konġunt*** tal-għażla, ***inkluża*** l-identifikazzjoni effettiva ***u permanenti***, il-kontabbiltà u r-responsabbiltà ***tiegħu***, id-deskrizzjoni tas-Sistemi tal-Ġestjoni u l-Kontroll, u l-kundizzjonijiet dwar il-ġestjoni teknika u finanzjarja tal-appoġġ tal-Unjoni, inklużi l-eliġibbiltà tan-nefqa; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12– paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-kooperazzjoni transkonfinali għandha tiġi implimentata bi qbil mal-paragrafi 1 u 2 bl-assistenza tal-istrumenti xierqa. Dawk l-istrumenti għandhom speċifikament jinkludu r-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006[1].*** |

[1] *ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19.*

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) diġà wara li hu indispensabbli bħala l-kooperazzjoni territorjali (transkonfinali, transreġjonali u transnazzjonai) fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk hu biss xieraq li mal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu bl-emendi għar-Regolament Nru 1082/2006 li qed jitqiesu bħalissa għall-partijiet mhux stabbiliti fi Stat Membru, ir-REKT jiġi applikat għall-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-aspett tagħha ta' "koeżjoni esterna".*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-delegazzjoni tas-setgħat imsemmija ***fl-Artikolu 12 u 13*** għandha tingħata għall-perjodu ta’ validità ta’ dan ir-Regolament. | 1. Id-delegazzjoni tas-setgħat imsemmija ***fl-Artikolu 12, 13 u 16*** għandha tingħata għall-perjodu ta’ validità ta’ dan ir-Regolament. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda kkonċernata tirrikonoxxi referenzi ġodda proposti għall-atti delegati.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F’ċirkostanzi debitament ġustifikati u sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex titrawwem kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali, il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li testendi l-eliġibbiltà ta’ azzjonijiet għall-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li kieku ma kinux ikunu eliġibbli għall-finanzjament. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Komuni, | 1. F’ċirkostanzi debitament ġustifikati***, kif definit f'att delegat adottat bi qbil mal-Artikolu 14,*** u sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex titrawwem kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali, il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li testendi l-eliġibbiltà ta’ azzjonijiet għall-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li kieku ma kinux ikunu eliġibbli għall-finanzjament. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar- |

| | |
|---|---|
| persuni fiżiċi u legali minn pajjiżi, territorji u reġjuni kkonċernati jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri li jimplimentaw tali azzjonijiet. | Regolament ta’ Implimentazzjoni Komuni, persuni fiżiċi u legali minn pajjiżi, territorji u reġjuni kkonċernati jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri li jimplimentaw tali azzjonijiet. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-rapporteur għal opinjoni d-definizzjoni tal-frażi "ċirkostanzi debitament ġustifikati", li fit-test kurrenti tagħmel possibbli l-involviment ta' tipi diversi ta' fondi tal-UE għall-użu estern (l-Istrumetn Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-EED u l-fondi għall-iżvilupp għall-pajjiżi tat-Tielet Dinja) b'mod kważi kollu għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet implimentattivi, teħtieġ li tinkiteb mill-ġdid sabiex l-affarijiet ikunu iktar speċifiċi.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pakkett finanzjarju disponibbli għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għall-perjodu ta’ bejn l-2014 sal-2020 għandu jkun EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali). Sa 5% tal-pakkett finanzjarju għandu jkun allokat lill-programmi ta’ Kooperazzjoni Transkonfinali msemmijin ***fl-Artikolu 6(1) (c)***. | 1. Il-pakkett finanzjarju disponibbli għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għall-perjodu ta’ bejn l-2014 sal-2020 għandu jkun EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali). Sa 7 % tal-pakkett finanzjarju għandu jkun allokat lill-programmi ta’ Kooperazzjoni Transkonfinali msemmijin ***fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1)***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni transkonfinali hija prijorità prinċipali fil-politika tal-UE u hija maħsuba biex tgħin il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fir-reġjuni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri komuni, biex tindirizza l-isfidi f'oqsma bħall-ambjent, is-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontriha, biex tiżgura fruntieri effiċjenti u sikuri u biex tippromwovi azzjonijiet lokali transkonfinali minn nies għal nies, hu essenzjali li għandhom jiġu allokati approprjazzjonijiet iktar sustantivi għal dan l-istrument.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Joachim Zeller<br>26.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 26.4.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 29.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, Alain Cadec, Nikos Chrysogelos, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ivars Godmanis, Lena Kolarska-Bobińska, Ivari Padar, László Surján, Giommaria Uggias |

20.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur: Iosif Matula

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) huwa strument finanzjarju tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP), li għandu l-għan li jistabbilixxi żona ta' prosperità u relazzjonijiet tajbin bejn l-UE u s-sħab tagħha.

L-appoġġ finanzjarju tal-UE jipprovdi valur miżjud sostanzjali fl-oqsma ewlenin ta' politika ffinanzjati minn strumenti għall-azzjoni esterna.

L-edukazzjoni għolja, il-kultura, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma oqsma fejn hemm ambitu għat-tisħiħ tar-rabta bejn il-politiki interni u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat.

Billi titqies l-importanza u l-ispeċifiċità tal-iskambji kulturali u edukattivi bħala strumenti diplomatiċi, l-ENPI għandu jkollu l-għan li jippromwovi l-mobbiltà u l-kuntatti interpersonali, speċjalment f'dawn l-oqsma. Għandu wkoll jappoġġa żvilupp fuq bażi wiesgħa fl-aspetti kollha, inkluż permezz ta' edukazzjoni soda u programmi ta' taħriġ fil-pajjiżi sħab.

Barra minn hekk, sabiex tinżamm ir-rabta mas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi ENP, l-allokazzjonijiet permezz ta' "Erasmus għal kulħadd" għandhom jinżammu wkoll f'każijiet fejn il-prijoritajiet esterni tal-UE jinbidlu minħabba avvenimenti mhux mistennija jew bidliet politiċi fil-pajjiżi sħab.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Skont il-Konvenzjoni tal-20 ta' Ottubru 2005 tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni u s-solidarjetà bilaterali, reġjonali u internazzjonali biex iħarsu u jagħtu ġieħ lid-diversità ta' espressjonijiet kulturali u għaldaqstant jippromwovu d-djalogu u l-komprensjoni reċiproka fost il-kulturi.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-20 ta'Novembru 2008 dwar il-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali fir-relazzjonijiet barranin tal-Unjoni u l-Istati Membri[1] tagħha, l-Istati Membri u l-Kummissjoni qed jiġu mitluba jsaħħu l-pożizzjoni u r-rwol tal-kultura fil-politiki u l-programmi tar-relazzjonijiet barranin u jaħdmu għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kultura, b'mod partikolari l-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa. L-aġenziji tal-iżvilupp u l-istituzzjonijiet kulturali fl-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti f'dan il-qasam.*** |

[1] *ĠU C 320, 16.12.2008, p. 10.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Peress li l-kooperazzjoni transkonfinali hija prijorità ewlenija tal-politika tal-Unjoni, u minħabba li hija maħsuba biex tgħin il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fir-reġjuni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri komuni, tindirizza l-isfidi f'oqsma bħall-ambjent, il-kultura, is-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontriha, tiżgura fruntieri effiċjenti u sikuri u tippromwovi azzjonijiet lokali transkonfinali bejn in-nies u l-komprensjoni reċiproka, għandhom jiġu allokati approprjazzjonijiet iktar sustantivi għall-istrument stabbilit permezz ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Barra minn hekk, huwa importanti li l-kooperazzjoni tkun inkoraġġita u ffaċilitata għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-imsieħba tagħha, notevolment permezz tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-proġetti tal-infrastruttura ta' interess għall-Unjoni li se jgħaddu minn pajjiżi tal-Viċinat u l-oqsma oħra ta' kooperazzjoni. | (9) Barra minn hekk, huwa importanti li l-kooperazzjoni tkun inkoraġġita u ffaċilitata għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-imsieħba tagħha, notevolment permezz tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-proġetti tal-infrastruttura ta' interess għall-Unjoni li se jgħaddu minn pajjiżi tal-Viċinat u l-oqsma oħra ta' kooperazzjoni***, bħall-edukazzjoni u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***iskambji kulturali*.** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-appoġġ li għandu jingħata lill-pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw fi ħdan il-qafas stabbilit permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għandu jkun koerenti mal-objettivi u l-prinċipji tal-politiki esterni tal-Unjoni u b'mod partikolari l-politika tagħha għall-iżvilupp, inkluż id-'Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Politika Ewropea għall-Iżvilupp: il-Kunsens Ewropew', adottata mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, fit-22 ta' Diċembru 2005. | (13) L-appoġġ li għandu jingħata lill-pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw fi ħdan il-qafas stabbilit permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għandu jkun koerenti mal-objettivi u l-prinċipji tal-politiki esterni tal-Unjoni u b'mod partikolari l-politika tagħha għall-iżvilupp, inkluż id-'Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Politika Ewropea għall-Iżvilupp: il-Kunsens Ewropew', adottata mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, fit-22 ta' Diċembru 2005**, *kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-20 ta' Novembru 2008 tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali fir-relazzjonijiet barranin tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha*.** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Bħala firmatarja tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, l-Unjoni għandha tagħmel sforzi biex tiżgura li r-rispett lejn il-Konvenzjoni min-naħa tal-pajjiżi msieħba jinforma d-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-Unjoni taħt dan ir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Regolament.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika hi ta’ rilevanza għar-relazzjonijiet mal-ġirien Mediterranji mill-Afrika ta’ Fuq. | (14) L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika hi ta’ rilevanza għar-relazzjonijiet mal-ġirien Mediterranji mill-Afrika ta’ Fuq***, speċjalment fl-istat ta’ żvilupp attwali ta’ wara r-Rebbiegħa Għarbija***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta’ finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b’effett ta’ ingranaġġ. Tali efffett jista’ jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. | (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta’ finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b’effett ta’ ingranaġġ. Tali efffett jista’ jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. ***Għandna niftakru li l-Unjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha għadd limitat ta’ strumenti ta’ “poter artab” b’effett ta’ lieva, u li l-istrumenti finanzjarji huma wieħed minnhom.*** |

**Emenda 9**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***(19a) F'każijiet ta' ċirkostanzi maġġuri mhux previsti, jew bidliet politiċi importanti, f'pajjiżi sħab li jwasslu għal bidliet fil-prijoritajiet esterni tal-Unjoni, l-allokazzjonijiet finanzjarji fil-qafas tal-edukazzjoni, bħall-programm "Erasmus għal Kulħadd", għandhom jinżammu jew jiżdiedu sabiex ir-rabta ma' dawk il-pajjiżi tinżamm fil-livell tal-edukazzjoni.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***(20a) L-Unjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-kultura u l-edukazzjoni u r-rwol vitali tagħhom fit-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, fil-promozzjoni tad-demokratizzazzjoni u fit-tħeġġiġ tal-komprensjoni reċiproka fost il-popli u l-koeżjoni soċjali.***

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

***(21a) L-Unjoni, fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, tippromwovi l-valuri stipulati fid-Dikjarazzjoni Universali tal-UNESCO dwar id-Diversità Kulturali tat-2 ta' Novembru 2001. Id-diversità kulturali titqies bħala patrimonju komuni u sors ta' innovazzjoni u kreattività, filwaqt li hi mutur qawwi tal-iżvilupp ekonomiku, ċivili u morali tas-soċjetà.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21b) L-edukazzjoni, il-kultura, id-diversità kulturali u l-promozzjoni tagħha għandhom ikunu integrati bis-sħiħ fl-objettivi ta' dan ir-Regolament, għax il-kooperazzjoni kulturali għandha rwol fundamentali fl-approprjazzjoni tal-proċessi demokratiċi min-naħa tal-pajjiżi msieħba u biex dawn tal-aħħar iżommu l-prijoritajiet tagħhom stess.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21c) Fir-relazzjonijiet mas-sħab tagħha, l-Unjoni timpenja ruħha li tkabbar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali, u tħeġġeġ ir-ratifika tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-20 ta' Ottubru 2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.*** |

**Emenda 14**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) L-Unjoni tagħraf l-importanza u l-ispeċifiċità tal-iskambji kulturali u edukattivi bħala strumenti diplomatiċi u bħala għodda għall-promozzjoni tal-mobbiltà u l-kuntatti interpersonali.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Jeħtieġ jinżamm bilanċ bejn id-dimensjoni tan-Nofsinhar u d-dimensjoni tal-Lvant tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni") jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna, is-setgħat iddelegati li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi meħtieġa għall-mekkaniżmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali stabbiliti fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ***tagħmel*** konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ***ta' tħejjija***, inkluż fuq ***livell espert***. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (26) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni") jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna, is-setgħat iddelegati li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi meħtieġa għall-mekkaniżmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali stabbiliti fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ***twettaq*** konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ***preparatorju*** tagħha, inkluż fuq ***il-livell tal-esperti u tas-soċjetà ċivili***. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) L-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni għall-azzjoni esterni għandhom jappoġġaw il-kondizzjonalità msejsa fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi, il-governanza tajba u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, jew inkella fuq il-kwalità tal-politiki tal-benefiċjarji u l-ħila u r-rieda tal-benefiċjarji konċernati li jimplimentawhom.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali; | (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ***id-diversità kulturali,*** l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ***ġestita tajjeb*** u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali; | (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà ***inklussiva*** tan-nies u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali ***biex javvanza l-fehim, reċiproku, partikolarment fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, l-isport u ż-żgħażagħ, flimkien mal-iskambji tal-valuri kulturali bl-għan li jiżguraw id-*** |

*diversità kulturali*;

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) ikun promoss il-ħarsien tal-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli komuni, anke billi jkun żgurat finanzjament u riżorsi adegwati għal proġetti bħall-Euromed Heritage; jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ konġunti mal-pajjiżi msieħba, li għandhom iqisu aktar id-dritt għal aċċess ekwitabbli għall-edukazzjoni għal kulħadd u jkollhom l-għan li jikkumbattu l-problema serja tar-rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola fost iż-żgħażagħ;*** |

**Emenda 21**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat***;*** il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; | (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat ***u edukazzjoni soda u programmi ta' taħriġ,*** il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika***, l-iżvilupp tal-wirt kulturali*** u r-reżiljenza għad-diżastri ***u d-diversi aspetti tas-sigurtà ċivili, minbarra l-protezzjoni tal-wirt storiku, artistiku, arkeoloġiku, kulturali u ambjentali***; |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) isir appoġġ għall-ħolqien tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti; | (e) isir appoġġ għall-ħolqien tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti ***b'mod partikolari billi jikkontribwixxu għar-rispett tal-liberta ta' assoċjazzjoni***; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jintuża wkoll f'żoni oħra meta dan ikun konsistenti mal-objettivi ġenerali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. | 4. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jintuża wkoll f'żoni oħra meta dan ikun konsistenti mal-objettivi ġenerali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat***, u b'mod partikolari fl-oqsma tal-kultura, l-industriji kulturali u kreattivi, it-turiżmu, l-edukazzjoni u t-taħriġ***. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jkun kofinanzjat mill-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' fondi pubbliċi, kontribuzzjonijiet mill-benefiċjarji u sorsi oħra. L-istess prinċipju għandu jkun applikabbli għall-kooperazjoni mal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari fir-rigward tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6(1) (c). Tista' ssir deroga mir-rekwiżiti ta' kofinanzjament f'każijiet debitament ġustifikati u meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi sostnut l-iżvilupp tas- | 3. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jkun kofinanzjat mill-pajjiżi benefiċjarji***, skont ir-regoli tal-governanza tajba u b'mod trasparenti,*** permezz ta' fondi pubbliċi, kontribuzzjonijiet mill-benefiċjarji u sorsi oħra. L-istess prinċipju għandu jkun applikabbli għall-kooperazjoni mal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari fir-rigward tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6(1) (c). Tista' ssir deroga mir-rekwiżiti ta' kofinanzjament f'każijiet debitament ġustifikati u meta dan ikun |

| | |
|---|---|
| soċjetà ċivili u ta' atturi mhux statali, mingħajr preġudizzju għall-konformità ma' kundizzjonijiet oħrajn stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. | meħtieġ sabiex jiġi sostnut l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ta' atturi mhux statali, mingħajr preġudizzju għall-konformità ma' kundizzjonijiet oħrajn stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-kontribuzzjonijiet għall-programmi transnazzjonali stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, li l-pajjiżi msieħba u/jew il-Federazzjoni Russa jipparteċipaw fihom. | (g) il-kontribuzzjonijiet ***għal strateġiji makro-reġjonali attwali u futuri u*** għall-programmi transnazzjonali stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, li l-pajjiżi msieħba u/jew il-Federazzjoni Russa jipparteċipaw fihom. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal |

| | |
|---|---|
| soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. ***Fil-każijiet kollha ta' dan it-tip, jeħtieġ ikun żgurat li f'każ ta' sospensjoni tal-appoġġ, din ma tolqotx lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li joperaw skont il-prinċipji demokratiċi u l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pakkett finanzjarju disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu ta' bejn l-2014 sal-2020 għandu jkun EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali). Sa ***5%*** tal-pakkett finanzjarju għandu jkun allokat lill-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali msemmijin fl-Artikolu 6(1) (c). | 1. Il-pakkett finanzjarju disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu ta' bejn l-2014 sal-2020 għandu jkun EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali). Sa ***7%*** tal-pakkett finanzjarju għandu jkun allokat lill-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali msemmijin fl-Artikolu 6(1) (c). |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni transkonfinali hija prijorità ewlenija tal-politika tal-Unjoni u minħabba li hi maħsuba biex tgħin il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fir-reġjuni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri komuni, biex tindirizza l-isfidi f'oqsma bħall-ambjent, il-kultura, is-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontriha, biex tiżgura fruntieri effiċjenti u sikuri u biex tippromwovi azzjonijiet lokali transkonfinali bejn in-nies u l-komprensjoni reċiproka, għandhom jiġu allokati approprjazzjonijiet iktar sustantivi għall-istrument stabbilit permezz ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd", sabiex tkun promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni ogħla, ammont indikattiv ta' EUR 1 812 100 000 mill-istrumenti esterni differenti (l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument ta' Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), ser ikunu allokati għall-azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim lil jew minn pajjiżi mhux tal-UE u għad-djalogu ta' kooperazzjoni u politika ma' awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd" se japplikaw għall-użu ta' dawk il-fondi. | 3. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd", sabiex tkun promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni ogħla, ammont indikattiv ta' EUR 1 812 100 000 mill-istrumenti esterni differenti (l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument ta' Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), ser ikunu allokati għall-azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim lil jew minn pajjiżi mhux tal-UE u għad-djalogu ta' kooperazzjoni u politika ma' awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd" se japplikaw għall-użu ta' dawk il-fondi***, b'mod speċjali jekk l-edukazzjoni bħala tali tista' sservi ta' waħda mill-aktar katalisti importanti tal-proċess demokratiku***. |

**Emenda 29**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-finanzjament se jsir disponibbli permezz ta' 2 allokazzjonijiet multiannwali li jkopru biss 4 snin u t-3 snin li jifdal rispettivament. Dan il-finanzjament ser ikun rifless fl-ipprogrammar pluriennali ta' dawn l-istrumenti, skont il-bżonnijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. ***L-allokazzjonijiet jistgħu ikunu riveduti fil-każ ta' ċirkostanzi maġġuri mhux previsti jew bidliet politiċi importanti skont il-prijoritajiet esterni tal-UE.*** | Il-finanzjament se jsir disponibbli permezz ta' 2 allokazzjonijiet multiannwali li jkopru biss 4 snin u t-3 snin li jifdal rispettivament. Dan il-finanzjament ser ikun rifless fl-ipprogrammar pluriennali ta' dawn l-istrumenti, skont il-bżonnijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | CULT<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Iosif Matula<br>2.2.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 27.3.2012 25.4.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 25<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Santiago Fisas Ayxela, Lorenzo Fontana, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Gianni Pittella, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Hannu Takkula, László Tőkés, Gianni Vattimo, Sabine Verheyen, Milan Zver |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Ivo Belet, Seán Kelly, Iosif Matula, Rui Tavares |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Luigi Berlinguer, Mario Pirillo |

5.6.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat
(COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Emine Bozkurt

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-Unjoni taħdem biex tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-prinċipji ta' ugwaljanza u l-istat tad-dritt li ġiet imwaqqfa fuqhom permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. | (3) L-Unjoni taħdem biex tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ***ir-rispett għad-drittijiet tan-nisa,*** il-prinċipji ta' ugwaljanza u ***diversità, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, in-nondiskriminazzjoni u*** l-istat tad-dritt li ġiet imwaqqfa fuqhom permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) In-nisa f'pajjiżi sħab iħabbtu wiċċhom ma' problemi u diskriminazzjoni partikolari, kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll fil-ħajja privata u pubblika.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li tibdi fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli. | (5) Taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li tibdi fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, ***l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u*** l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp |

| | |
|---|---|
| | sostenibbli. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-għanijiet u l-azzjonijiet speċifiċi tal-programmar għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu appoġġati taħt dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom jiġu integrati wkoll bħala objettiv transversali fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika ***hi*** ta' rilevanza għar-relazzjonijiet mal-ġirien Mediterranji mill-Afrika ta' Fuq. | (14) L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika ***u l-Qafas għall-Azzjoni ta' Istanbul huma*** ta' rilevanza għar-relazzjonijiet mal-ġirien Mediterranji mill-Afrika ta' Fuq. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda ***s-sitwazzjoni*** ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar- | (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda ***l-kriżi ta' awsterità*** ekonomika u baġitarja ***kontinwa*** tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu |

| | |
|---|---|
| riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali effett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. | effiċjenti ***u prattiku*** tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali effett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu objettivi mifruxa fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament. | (21) L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu objettivi mifruxa fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament***, billi jitqies ir-rwol tan-nisa fit-tranżizzjonijiet demokratiċi fil-pajjiżi sħab u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-azzjonijiet biex jiġu miġġielda l-atti ta' vjolenza kontra n-nisa u diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru. Il-pożizzjoni u r-rwol tan-nisa għandhom jiġu promossi wkoll permezz ta' miżuri speċjali u programmi li jsaħħu r-rwol tan-nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi u fis-soċjetà ċivili. Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa fil-pajjiżi sħab, għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-appoġġ ta' organizzazzjonijiet tan-nisa u s-soċjetà ċivili, il-bini tal-kapaċitajiet, il-bini tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tan-nisa fl-Unjoni u l-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi sħab, billi jsir skambju tal-aqwa prattiki u taħriġ.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Il-bidliet li qed iseħħu fil-pajjiżi ġirien tal-Ewropa fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani jridu jikkontribwixxu lejn it-tmiem tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà fuq termini indaqs mal-irġiel. L-Unjoni hi impenjata li topponi bis-sħiħ l-użu tal-vjolenza sesswali kontra n-nisa u l-intimidazzjoni tan-nisa u b'mod partikulari fir-rigward tal-problemi speċifiċi tat-traffikar tal-bnedmin u ral-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili.*** <br><br> ***L-Unjoni tpoġġi fuq nett tal-aġenda tagħha il-ħtieġa li tintemm id-diskriminazzjoni u l-persekuzzjoni kontra persuni LGBT fir-reġjun tal-viċinat Ewropew, u fir-rigward tal-pajjiżi li jiddiskriminaw kontra dawn il-persuni, b'mod partikolari l-pajjiżi fejn l-omosesswalità għadha att kriminali, u li jirċievu għajnuna finanzjarja mingħand l-Unjoni, din tal-aħħar għandha tiffriżalhom dawn il-fondi, jew tieqaf tagħtihom.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Għandhom ikunu promossi korsijiet ta' taħriġ fil-pajjiżi msieħba tal-politika tal-viċinat Ewropea, immirata b'mod partikolari għal dawk il-gruppi tal-popolazzjoni li huma l-aktar vulnerabbli u u f'riskju akbar ta' faqar, bħan-nisa anzjani u l-ommijiet weħidhom, sabiex jiżdied l-involviment tagħhom fl-attivitajiet kollha tas-soċjetà u b'hekk jissaħħaħ ir-rwol tan-nisa fil-proċessi kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u*** |

*ekonomiċi, fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol biex b'dan il-mod jingħata kontribut lejn l-emanċipazzjoni ġenwina tagħhom għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha kemm hi, u fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi msieħba ewlenin.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-Unjoni hija impenjata biex tippromwovi x-xogħol deċenti kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba madwar id-dinja. | (22) L-Unjoni hija impenjata biex tippromwovi x-xogħol deċenti kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba madwar id-dinja. ***Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-settur tas-servizz u s-settur informali fejn l-aktar jiġu impjegati n-nisa, biex ikun żgurat li d-drittijiet tagħhom jiġu rispettati u biex tkun promossa l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u fl-ekonomiji nazzjonali.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol ewlieni fit-titjib tal-governanza u t-tfassil tal-ġejjieni tal-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, b'kollaborazzjoni mal-parlamenti nazzjonali. In-nisa u ż-żgħażagħ għandhom ikunu involuti b'mod effettiv u jikkontribwixxu f'din id-direzzjoni.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli***, il-promozzjoni ta' governanza tajba*** u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha ***inklużi l-imsieħba*** soċjali; | (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ***partikolarment tad-drittijiet tan-nisa u*** l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza ***u n-nondiskriminazzjoni***, ***l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, il-konsolidazzjoni tal-governanza tajba,*** l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili ***ħielsa, indipendenti,*** b'saħħitha ***u proattiva, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba*** soċjali ***u l-organizzazzjonijiet tan-nisa biex jiġu identifikati oqsma għall-appoġġ u l-kooperazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-ġeneru fil-pajjiżi imsieħba***; |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, iż-żieda fil-preżenza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi, fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol sabiex isir kontribut biex in-nisa jingħataw is-setgħa, l-iżgurar ta' tolleranza żero tal-vjolenza kontra n-nisa u l-protezzjoni tan-nisa vittmi tal-vjolenza, l-indirizzar tal-impunità, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni u ż-żwieġ furzat, ir-rispett għad-drittijiet sesswali u għas-saħħa ripproduttiva u l-promozzjoni tal-involviment tas-soċjetà ċivili fil-kisba ta' dawn l-għanijiet kif ukoll fil-proċess tas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***simplifikazzjoni tal-ġeneru, sabiex tinkiseb demokrazija veritabbli;*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri; | (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika***, l-ugwaljanza bejn l-irġiel*** u ***n-nisa u*** r-reżiljenza għad-diżastri***, b'attenzjoni speċjali għall-promozzjoni tar-rwol tan-nisa f'dawn l-oqsma bħala maniġers effiċjenti tal-bidla u tal-progress, kif ukoll bl-użu tal-indikaturi tal-MDGs u indikazzjonijiet tal-għoti ta' setgħa***; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi | 3. Il-kisba ta' dawn l-objettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perjodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), ***(aa),*** (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi |

| | |
|---|---|
| sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg. | sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu objettivi mifruxa fl-appoġġ tal-Unjoni u fl-istadji ta' programmar, implimentazzjoni u evalwazzjoni tal-Istrument Ewropew tal-Politika tal-Viċinat, l-inugwaljanzi bejn is-sessi għandhom jiġu indirizzati b'mod konsistenti u sistematiku, permezz ta' miżuri u programmi speċjali u permezz tal-integrazzjoni sistematika fl-attivitajiet l-oħra kollha.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt | 1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli ***abbażi tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tan-nisa, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn in-*** |

| | |
|---|---|
| potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | ***nisa u l-irġiel, in-nondiskriminazzjoni u l-istat tad-dritt,*** il-progress tiegħu ***fl-istabbiliment ta' governanza tajba, u l-progress tiegħu*** fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fid-dawl tal-bidliet kbar tar-Rebbiegħa Għarbija fil-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar tal-Mediterran u r-rwol li jista' jkollhom in-nisa fl-isforzi demokratiċi, jinħtieġu programmi u finanzjament speċjali għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u atturi oħra mhux statali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni. | 2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u atturi oħra mhux statali***, inklużi r-rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ,*** fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-allokazzjonijiet finanzjarji għall-programmi ta' pajjiż u dawk multinazzjonali għandhom ikunu ddeterminati billi jintużaw kriterji trasparenti u oġġettivi li jirriflettu l-prinċipju ta' differenzjazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(1). | 5. L-allokazzjonijiet finanzjarji għall-programmi ta' pajjiż u dawk multinazzjonali għandhom ikunu ddeterminati billi jintużaw kriterji trasparenti u oġġettivi li jirriflettu l-prinċipju ta' differenzjazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(1) ***u b'qies dovut tal-progress li sar fir-rigward tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel***. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Għal pajjiżi eleġibbli għall-appoġġ finanzjarju taħt dan ir-Regoalment, il-Kummissjoni għandha toħloq "infrastruttura" għall-integrazzjoni sistematika tal-kwistjoni tal-ġeneri; b'mod partikolari għandhom jiġu żviluppati strutturi ta' appoġġ permanenti fil-livell nazzjonali kif ukoll dak tal-Unjoni biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni sistematika tal-kwistjoni tal-ġeneri.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Fl-ipprogrammar, għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-bini tal-kapaċitajiet fis-soċjetà ċivili, speċjalment għall-organizzazzjonijiet tan-nisa u dawk taż-żgħażagħ fil-pajjiżi sħab, inkluż il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***faċilitazzjoni tal-kuntatt u l-kooperazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom fl-Unjoni kif ukoll l-iskambju tal-aqwa prattiki.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom. | 9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ***inklużi d-drittijiet tan-nisa,*** jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Fil-każ ta' bidliet fil-kuntest politiku, legali, ekonomiku jew soċjali, għandha ssir valutazzjoni tal-proġett min-naħa tal-Kummissjoni biex jiġi stabbilit jekk dawn il-bidliet jaffettwawx l-assunzjonijiet dwar l-irwoli tal-ġeneri u r-relazzjonijiet magħmula fil-bidu tal-proġett u jistgħu*** |

| | |
|---|---|
| | ***jirrikjedu aġġustamenti fil-proġett.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. | Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ***inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa,*** l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni. |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM<br>16.2.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Emine Bozkurt<br>25.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 23.4.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 30.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Andrea Češková, Iratxe García Pérez, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nicole Kiil-Nielsen, Silvana Koch-Mehrin, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Joanna Senyszyn, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Britta Thomsen, Angelika Werthmann, Inês Cristina Zuber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, Vilija Blinkevičiūtė, Franziska Katharina Brantner, Minodora Cliveti, Mojca Kleva, Ana Miranda, Norica Nicolai, Antigoni Papadopoulou |

# PROĊEDURA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | Il-ħolqien ta' Strument Ewropew ta' Viċinat | | | |
| **Referenzi** | COM(2011)0839 – C7-0492/2011 – 2011/0405(COD) | | | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 7.12.2011 | | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>17.1.2012 | | | |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>17.1.2012 | INTA<br>17.1.2012 | BUDG<br>17.1.2012 | EMPL<br>17.1.2012 |
| | ENVI<br>17.1.2012 | ITRE<br>17.1.2012 | TRAN<br>17.1.2012 | REGI<br>17.1.2012 |
| | CULT<br>17.1.2012 | LIBE<br>17.1.2012 | FEMM<br>16.2.2012 | |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ENVI<br>24.1.2012 | TRAN<br>23.1.2012 | LIBE<br>26.1.2012 | |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Eduard Kukan<br>5.10.2011 | | | |
| **Eżami fil-kumitat** | 9.7.2012 | | | |
| **Data tal-adozzjoni** | 5.12.2013 | | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 46<br>1<br>1 | | |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Elmar Brok, Jerzy Buzek, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Vytautas Landsbergis, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Boris Zala | | | |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Marije Cornelissen, Kinga Gál, Barbara Lochbihler, Antonio López-Istúriz White, Doris Pack, Ivo Vajgl | | | |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Hiltrud Breyer | | | |
| **Data tat-tressiq** | 6.12.2013 | | | |